Vol 36
Nru 189
Lulju - Settembru 2015

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa



BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha



DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254



DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2015



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt



Qoxra Quddiem:
*Knisja ta' San Mark
tas-Sirjani Ortodossi*


# Werrej


6

15

22

26

15 Il-Komunitajiet Insara fl-Art Imqaddsa: Knejjes Antiki Orjentali

15 “Ma għandkomx inbid” (ĠW 2:5) L-inbid fil-Bibbja

15 Privileġġi u Esiġenzi tal-għaqda ma’ Kristu Qassis Il-Kbir (Lhud 10, 19-25) (3)

15 Ġesù, dielja vera Ġwanni 15:1-11

15 It-talb ta’ Ġesù, fil-ġnien taż-żebbuġ u fuq is-salib fl-evanġelju skont San Luqa

15 Monasteri fid-deżert tal-Ihudija: Il-Monasteri tal-kwarantena u San Gerasimos

37

# Editorjal

ta’ Patri Twanny Chircop ofm



## L-Insara Ppersegwitati fl-Art Imqaddsa?

Fit-18 ta’ Ġunju grupp ta’ vandali taw in-nar lill-kjostru tal-knisja tat-Tkattir tal-Ħobż f’Tabgħa, fuq ix-xatt tal-Għadira tal-Galilea. In-nirien ikkawżaw danni kbar fil-kjostru kif ukoll f’parti minn din il-knisja, li hi wieħed mis-santwarji importanti fl-Art Imqaddsa. Il-knisja tat-Tkattir tal-Ħobż hi mħarsa mill-monaċi Benedettini tal-kongregazzjoni ta’ Beuron. Dawn il-monaċi għandhom ukoll l-Abbazija tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija f’Ġerusalemm, faċċata taċ-Ċenaklu.

Fl-24 ta’ Mejju, solennità ta’ Pentekoste, waqt li l-Franġiskani kienu sejrin purċissjoni lejn iċ-Ċenaklu, kif jagħmlu kull sena, biex jiċċelebraw l-Għasar tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu, kellhom jiġu skortati mill-pulizija minħabba protesti qawwija minn estremisti Israeljani li jopponu li l-Insara jitolbu fiċ-Ċenaklu, li jiġi eżattament fuq is-sala fejn il-Lhud iqimu ċ-ċenotafju (hekk imsejjaħ “qabar”) tar-re David. Fil-fatt, dawn l-ambjenti ma huma xejn aktar għajr l-ewwel kunvent tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, mibni fl-1333, minn fejn il-Franġiskani tkeċċew mit-Torok Ottomani fl-1551.

F’dan l-aħħar żmien qed nassistu bi preokkupazzjoni għal xeni ta’ intolleranza reliġjuża kontra l-Insara minn estremisti Israeljani. Fiż-żona tal-Għolja ta’ Sijon saru diversi atti ta’ vandaliżmu, fosthom nirien fil-monasteru tal-Benedettini tad-Dormizzjoni u fis-Seminarju tal-Patrijarkat Grieg Ortodoss. Jidher li dawn l-estremisti Israeljani ma jridux jaraw Insara fuq l-Għolja





*...editorjal*

*L-Insara Ppersegwitati l-Art Imqaddsa?*

ta' Sijon, li minn dejjem kienet post Kristjan u li ma għandha x'taqsam xejn mas-Sijon biblika tat-Testment il-Qadim, fejn David kellu l-belt kapitali tiegħu. Din, fil-fatt, tinsab fiż-żona ta' taħt l-għolja tat-Tempju.

Fil-każ ta' Tabgħa l-pulizija arrestat grupp ta' żgħażagħ Israeljani ta' Yeshiva, jiġifieri skola rabbinika, li kienu jikkampjaw viċin. Ma hemmx dubju li kienu huma li wettqu l-atti vandali tal-qerda tal-kjostru tal-knisja ta' Tabgħa. Imma, kif jiġri dejjem f'Israel, wara interrogatorju ġew meħlusin, din id-darba għax "taħt l-età". Fil-fatt, atti vandali minn estremisti Israeljani, l-aktar mis-"settlers" li huma politikament motivati li jokkupaw l-art kollha a skapitu tal-Palestinjani u tal-barranin kollha li jgħixu fl-Art Imqaddsa, huma komuni. Dejjem jingħad li l-gvern Israeljan se jieħu passi qawwija kontra estremisti, li jiġu arrestati, imma li qatt ma ttellgħu l-qorti jew sofrew piena għall-atti vandali li wettqu.

Fi stqarrija mill-Prim Ministru Israeljan Binyamin Netanyahu, jingħad li l-Istat ta' Israel jiddepolora atti vandali bħal dan ta' Tabgħa, għax Israel jiggarantixxi l-libertà reliġjuża b'mod assolut lir-reliġjonijiet kollha preżenti fih. Kliem sabiħ li smajnih diversi drabi. Ir-realtà hi ħafna differenti. Anke jekk l-Istat ta' Israel, fil-fatt, hu mibni fuq prinċipji sodi ta' tolleranza u demokrazija, ftit wera kapaċità li jikkontrolla elementi estremisti min-naħa ta' minoranza taċ-ċittadini tiegħu. Ngħidu minoranza, għax b'ġustizzja ta' min jgħid li l-maġġoranza tal-Israeljani mhumiex kontra l-Insara, u huma tolleranti għal reliġjonijiet oħrajn u għal soċjetà libera u demokratika.

Sfortunatament jidher li Israel mhux dejjem jimxi b'ġustizzja rigward atti ta' vjolenza, li huma dejjem atti li għandhom jiġu kkundannati. Meta jsiru atti hekk imsejħin terroristiċi minn żgħażagħ Palestinjani, anke taħt l-età, dawn malajr jispiċċaw ikkundannati, wara interrogatorji u trattamenti li mhumiex denji ta' pajjiż ċivilizzat u demokratiku. Mhux hekk jiġri fil-każ ta' estremisti Israeljani. Dawn jitħallew jaġixxu kif iridu, anke jekk jingħad li jiġu arrestati.

F'dinja li fiha kulħadd jinsab imħasseb mill-estremiżmu u fundamentaliżmu Islamiku, li hu periklu imminenti, u li ġustament irridu niddefendu ruħna mill-atti terroristiċi tiegħu, wieħed jiskanta kif sfortunatament hemm ukoll elementi estremisti li jinqdew bir-reliġjon Lhudija għal skopijiet purament politiċi. Il-mezzi tal-media spiss jitkellmu dwar il-periklu tal-ISIS jew Daish fl-Iraq u s-Sirja. Dawn it-terroristi qatlu u keċċew eluf ta' Insara minn postijiet fejn il-Kristjaneżimu jaf il-benniena tiegħu. Il-ħerba li ħallew warajhom hi dik ta' barbari bla umanità li jaġixxu f'isem ir-reliġjon Islamika għal skopijiet politiċi. It-theddida ta' estremisti bħal dawn hi waħda serja, anke fl-Ewropa stess, fejn mhux l-ewwel darba li twettqu attakki terroristiċi terribbli.

Il-problema tal-estremiżmu politiku, jiġi minn fejn jiġi, hu li jħallat ir-reliġjon ma' fini purament politiċi, f'kelma oħra, jinqeda bir-reliġjon għal skopijiet politiċi. Imma jekk il-pajjiżi tal-Ewropa, l-Istati Uniti u Israel ġustament jiġġieldu kontra dawn l-estremisti, ta' min jiftakar li hemm il-periklu li elementi estremisti fi ħdan l-istess soċjetà hekk imsejħa libera se jġibu ħerba fil-valuri ta' demokrazija u tolleranza. Dan hu dak li qed jiġri fil-partiti xenofobiċi u razzisti fl-Ewropa. Dawn il-partiti jgħidu li huma "Kristjani"! U f'Israel l-estremisti politiċi, l-aktar is-"settlers", jaġixxu f'isem ir-reliġjon "Lhudija"! Fil-fatt, ma tantx hemm differenza bejn dak li qed jagħmlu l-estremisti ta' matriċi Islamika u dawn l-estremisti ta' matriċi Kristjana jew Lhudija.

L-Art Imqaddsa trid tkun post fejn jiltaqgħu ir-reliġjonijiet u l-kulturi fi djalogu ta' paċi u kollaborazzjoni. Imma dan jiddependi ħafna mill-gvernijiet lokali, jiġifieri l-gvern Israeljan u l-Awtorità Palestinjana, li għandhom jiggarantixxu protezzjoni minn elementi estremisti u jinfurzaw il-liġi kontra atti ta' vjolenza, f'dan il-każ, kontra l-minoranza Kristjana.

Hu importanti li l-forzi tal-liġi fl-Istat ta' Israel ikunu konxji mid-dmir tagħhom li jaraw li jiġu evitati atti ta' vjolenza li dan l-aħħar qed iħassbu bis-serjetà lill-Insara fl-Art Imqaddsa. Dan id-dmir ma jfissirx indħil inopportun fil-Postijiet Qaddisa, kif sfortunatament qed jiġri. Ifisser pjuttost protezzjoni biex il-Postijiet Qaddisa jibqgħu ċentri ta' talb li fih l-Insara jistgħu jesprimu l-fidi tagħhom bil-libertà, l-istess kif għandhom id-dritt li jagħmlu l-Lhud u l-Musulmani fil-postijiet qaddisa tagħhom.

Forsi hemm bżonn ta' aktar trasparenza u sinċerità bejn kliem u fatti. L-Insara fl-Art Imqaddsa huma element importanti. Il-maġġoranza tal-viżitaturi f'Israel u l-Palestina jiġu biex iżuru l-Postijiet Qaddisa Kristjani. Jekk Israel u l-Palestina ma jridux kriżi ulterjuri fin-numru ta' turisti u viżitaturi, għandhom jaffaċċjaw din il-problema tal-estremiżmu b'mod ġust, li bih min hu ħati għandu jiskonta piena. Sa issa din ir-rieda ftit rajna riżultati tagħha, ħlief f'dikjarazzjonijiet li qatt ma saru fatti.



# IL-KOMUNITAJIET INSARA FL-ART IMQADDSA: IL-KNEJJES ANTIKI ORJENTALI

*Noel Muscat ofm*

## Karatteristiċi tal-Knejjes Antiki Orjentali

Bit-titlu ġenerali "Knejjes Antiki Orjentali" nifhmu dak il-grupp ta' Knejjes Insara li hu magħmul minn sitt Knejjes li huma ġejjin minn tliet tradizzjonijiet oriġinarji. L-ewwel grupp hu dak tat-tradizzjoni Sirjaka, li fiha nsibu (1) il-Knisja Siro-Ġakobita u (2) il-Knisja

Malankariża. It-tieni grupp jinkludi (3) l-Knisja Armena. It-tielet grupp hu dak tat-tradizzjoni ta' Lixandra, u nsibu fih (4) il-Knisja Kopta, (5) il-Knisja Etjopika jew Abbissina, u (6) il-Knisja Eritrea.

Bl-aġġettiv "Antiki Orjentali" nifhmu żewġ karatteristiċi ta' dawn il-Knejjes, waħda storika u l-oħra ġeografika. Mil-lat storiku dawn huma Knejjes "antiki" għax isibu l-bidu tagħhom fl-era appostolika u kienu jeżistu sa mill-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu u twaqqfu mill-Appostli jew mid-dixxipli tagħhom. Mil-lat ġeografiku huma Knejjes li jinsabu fl-Orjent, fis-sens ta' reġjun kbir li jitlaq mill-Eġittu u l-Afrika tal-lvant u jibqa' sejjer lejn l-Iraq, is-Sirja, l-Armenja u saħansitra l-Indja.

Dawn huma Knejjes li huma mmarkati wkoll min-nota etnika, għax huma Knejjes "nazzjonali" jew li jappartjenu lil xi poplu jew etnija partikulari (Armeni, Sirjani, Kopti, eċċ). B'hekk kull waħda minn dawn il-Knejjes għandha patrimonju għani ta' tradizzjonijiet u riti liturġiċi uniċi, li jagħmlu minnha Knisja partikulari għalkollox differenti minn Knejjes oħrajn.

L-aktar element komuni li jiddistingwi dawn il-Knejjes, iżda, hu l-fatt li huma Knejjes *Monofisiti*, jew Knejjes li jistqarru li Kristu għandu natura waħda (*monè physis*). Għalkemm huma ma jaqblux ma' din it-terminoloġija, jiġu assoċjati ma' dawk l-Insara li jħaddnu d-duttrina tal-monaku Ewtike, meqjus bħala missier il-Monofisiti, li ġie kkundannat mill-Konċilju ekumeniku ta' Kalċedonja fis-sena 451, meta dawn il-Knejjes infirdu mill-Knejjes Kalċedoniżi (il-Knisja Biżantina jew Ortodossa u l-Knisja Latina jew Kattolika). Fil-fatt huma jsegwu d-duttrina Monofisita biss fit-terminoloġija tagħha kif ifformulata minn San Ċirillu ta' Lixandra. Illum il-ġurnata fid-djalogu ekumeniku kulħadd jaqbel li l-fidi Kristoloġika ta' dawn il-Knejjes taqbel għalkollox ma' dik tal-Knejjes Kalċedoniżi, anke jekk il-formulazzjonijiet lingwistiċi tad-duttrina huma diversi. Il-Knejjes kollha Insara jistqarru li Ġesù Kristu hu, fl-istess ħin, veru Alla u veru bniedem.

Fil-Lvant Nofsani, fejn l-Għarbi hu l-lingwa komuni, dawn il-komunitajiet Kristjani huma magħrufin popolarment b'diversi ismijiet: Sirjaċi, Ġakobiti, Nestorjani. L-Armeni dejjem kienu magħrufin b'dan l-isem, imma xi kultant jissejħu wkoll Gregorjani. Il-Kopti (*aqbat*) huma l-Kristjani tal-Eġittu, u l-Etjopiċi (*habash*) tal-Abbissinja jew Etjopja. Bl-Għarbi l-Insara Ortodossi li huma membri tal-Knisja Biżantina (Griega Ortodossa jew Griega Kattolika) huma magħrufin bħala *rum*, b'riferiment għall-kapitali tal-Imperu Ruman fi żmien il-Biżantini.

Illum il-ġurnata, fl-Art Imqaddsa nassistu għall-preżenza tal-Knejjes Armena, Siro-Ġakobita, Kopta, Etjopika. Mhux se nitkellmu minn

Knejjes oħrajn antiki tal-Orjent, bħalma hi l-Knisja Assira tal-Orjent (Nestorjana), li nfirdet diġà fis-sena 410 u hi barra mill-komunjoni mal-Knejjes li semmejna, jew il-Knisja Malankariża tal-Indja, għax hi barra mit-territorju tal-Art Imqaddsa. Dawn il-Knejjes iqisu li bdew bil-predikazzjoni tal-appostlu San Tumas.

## Il-Patrijarkat Armen Ortodoss ta' Ġerusalemm

Il-poplu tal-Armenja, pajjiż fil-muntanji Caucasus, bejn ir-Russja u t-Turkija, jiftaħar li kien l-ewwel poplu li ddikjara lilu nnifsu uffiċjalment Kristjan. Fis-sena 301 ir-re Tridat III aċċetta l-fidi Nisranija bħala reliġjon tas-saltna, wara l-evanġelizzazzjoni ta' San Girgor l-Imdawwal. Għalhekk xi mindaqqiet l-Armeni jissejħu wkoll "Gregorjani". Huma jsibu l-oriġini tagħhom fl-evanġelizzazzjoni tal-appostli Bartilmew u Ġuda (Taddew). Bħala poplu jqisu lilhom infushom dixxendenti ta' Noè, billi skont Ġen 8,4 wara d-dulluvju l-arka waqfet fuq il-muntanja Ararat, illum fit-Turkija, imma meqjusa bħala parti mit-territorju tal-Armenja l-Kbira.

L-istorja tal-Knisja Armena hi marbuta ma' dik tal-poplu Armen, hekk li l-istess isem Armen ifisser li wieħed hu bilfors Kristjan Armen u ma jistax ikun ta' fidi oħra. Matul is-sekli l-Armeni sofrew persekuzzjonijiet kbar u ġenoċidji minħabba li l-istati viċini dejjem kilulhom partijiet mit-territorju tagħhom: Persjani, Biżantini, Mongoli, Torok Ottomani, Unjoni Sovjetika. Illum huwa pajjiż żgħir li jirrivendika territorji ħafna akbar. Il-fidi Kristjana tal-Armeni kienet dejjem mhedda minn reliġjonijiet oħrajn, bħalma huma ż-Żoroastrismo u l-Islam, u l-Armeni dejjem iddefendew lilhom infushom mill-isforzi tal-Kristjani Biżantini u Latini biex inessuhom l-identità proprja tagħhom. Waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, mill-1915, it-Turkija



*Monaci Armeni Ortodossi*

immassakrat mal-miljun u nofs Armen f'dak li l-Armeni jsejħulu l-Ġenoċidju Armen (*Metz Yeghern*), li sal-lum għadu mhux rrikonoxxut minn stati bħat-Turkija u l-Israel. L-Armeni kellhom jaħarbu u hemm djaspora kbira ta' Armeni mxerrdin mad-dinja, fosthom komunità fl-Art Imqaddsa. Il-poplu Armen hu devot tas-sinjal tas-salib, u fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fil-parti Armena, wieħed jara mnaqqxin mijiet ta' slaleb fil-ġebel (bl-Armen *khatchar*) bħala sinjal ta' fidi u xhieda tal-martirju ta' din il-Knisja.

Il-kap tal-Knisja Armena hu l-Patrijarka (*Katholikós*) ta' Etchmiadzin, fl-Armenja. Minnu jiddependi ġuridikament il-Patrijarkat Armen ta' Ġerusalemm u l-Patrijarkat Armen ta' Kostantinopli (imwaqqfin fl-1461). Hemm ukoll Patrijarka (*Katholikós*) ieħor ta' Sis fiċ-Ċiliċja (illum parti mit-Turkija) li għandu s-sede tiegħu fil-Libanu u li twaqqaf fis-seklu 12. Bosta Armeni fil-Lvant Nofsani, Greċja u Stati Uniti, jiddependu minnu. Skont ċifri, mhux dejjem ta' min joqgħod fuqhom, hemm madwar 6 miljuni ta' Armeni mxerrdin mad-dinja, li 90% minnhom huma membri tal-Knisja Armena Appostolika. Jeżistu wkoll Armeni Kattoliċi u Armeni Evanġeliċi.

Id-djalogu ekumeniku bejn il-Knisja Armena u l-Knisja Kattolika hu tajjeb. Fl-4 ta' Diċembru 1996 il-Papa San Ġwanni Pawlu II u l-*Katholikós* Karekin I iffirmaw dikjarazzjoni komuni dwar li jaqsmu l-istess fidi dwar Ġesù Kristu skont is-sens tal-Konċilju ta' Kalċedonja. L-Armeni, iżda, jaċċettaw biss l-ewwel tliet Konċilji ekumeniċi: Nicea (325), Kostantinopli I (381) u Efesu (431).

Il-Knisja Armena Ortodossa taċċetta s-seba' sagramenti bħall-Knejjes Kalċedoniżi u għandha liturġija partikulari għaliha. Il-monaċi Armeni jilbsu mant iswed li jintemm b'kapoċċ bil-ponta fuq rashom, forma ta' koppla trijangulari, li hi stil tipiku anke fil-bini tal-knejjes tagħhom. Il-liturġija hi ċċelebrata bl-Armen klassiku (imsejjaħ *grabar*), u tmur lura għas-seklu 5 b'oriġini Antjokeni, imma wkoll b'influssi Biżantini u Latini. It-talba ewkaristika hi dik ta' Sant'Atanasju. L-Armeni jużaw il-ħobż ażżmu għall-Ewkaristija (bħal-Latini). Għandhom ċelebrazzjoni waħda tal-Milied u l-Epifanija (Teofanija) flimkien fid-19 ta' Jannar (imma din id-data baqgħet biss fil-Kalendarju Ġuljan li l-Armeni jsegwu f'Ġerusalemm u Betleħem, u f'postijiet oħrajn jiċċelebraw il-Milied fis-6 ta' Jannar skont il-Kalendarju Gregorjan). Jagħtu importanza kbira lill-konsagrazzjoni taż-żejt tal-griżma li ssir darba kull seba' snin mill-Patrijarka ta' Etchmiadzin u dak ta' Sis fiċ-Ċiliċja. Juru qima kbira lejn l-ikoni, imma dawn huma inqas abbundanti milli fil-każ tal-Griegi Ortodossi, u speċjalment lejn il-Verġni Marija. Fl-1345 is-Sinodu ta' Sis iddikjara l-fidi tal-Armeni fl-assunzjoni tal-

Madonna. Is-slaleb huma dejjem kotrana fil-knejjes, imma huma dejjem bla Kurċifiss u mill-erba' truf joħorġu motivi floreali biex juru li s-Salib hu l-għajn tal-ħajja.

Il-preżenza tal-Armeni f'Ġerusalemm tmur lura għas-seklu 5, u l-knisja ta' San Ġakbu, li hi ċ-ċentru tal-kwartier Armen fil-Belt il-Qadima, inbniet fis-sena 430. Kienet qawwija t-tradizzjoni tal-pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm, u bosta monaċi spiċċaw jgħixu fl-Art Imqaddsa u daħħlu t-tradizzjonijiet u r-riti liturġiċi Armeni f'Ġerusalemm. Fl-1175 insibu Metropolita Armen li mbagħad fl-1311 ġie mgħolli għad-dinjità ta' Patrijarka taħt is-Sultan Nasir Muhammad. L-Armeni bdew joqogħdu fi kwartier għalihom, li sal-lum għadu jissejjaħ Kwartier Armen, bejn il-Bieb ta' Ġaffa u l-Għolja ta' Sijon.

L-ewwel Isqof Armen ta' Ġerusalemm kien jismu Abraham, u fis-sena 638 ġie rikonoxxut mill-Kaliff Omar. Minn dak iż-żmien kien hemm suċċessjoni ta' 97 Isqof u Patrijarka Armen. Il-Patrijarkat Apostoliku Armen ta' Ġerusalemm għandu bħala ċentru l-Kattidral ta' San Ġakbu, li fih hemm ir-relikwi tal-appostlu San Ġakbu l-Kbir, martirizzat fis-sena 42 minn Erodi Agrippa (cf. Atti 12,2) u fejn hu midfun ukoll San Ġakbu ħu l-Mulej, l-ewwel Isqof ta' Ġerusalemm (cf. Atti 15,13ss), martirizzat fis-sena 62 taħt il-qassis il-kbir Ananija.

Fil-Kwartier Armen hemm ukoll diversi binjiet, fosthom stamperija mwaqqfa f'Ġerusalemm (1863); il-bibljoteka Gulbenkian, li fiha diversi manuskritti rari u opri patristiċi u ta' tradizzjoni Armena; il-kumpless tas-seminarju minuri u maġġuri; il-monasteru ta' San Ġakbu. Fl-istess kumpless kbir hemm il-Knisja tal-Arkanġli, fuq il-post tradizzjonali tad-dar tal-qassis il-kbir Anna, filwaqt li ftit passi bogħod miċ-Ċenaklu, fuq


*Kattidral Armen ta' San Ġakbu*

l-Għolja ta' Sijon, l-Armeni għandhom il-Knisja (nofsha mibnija) ta' San Salvatur, li huma jqisuha bħala l-post tad-dar tal-qassis il-kbir Kajfa. B'kollox fil-Kwartier Armen jgħixu madwar 3000 ruħ. L-Armeni għandhom ukoll tliet monasteri, dak tan-Natività f'Betleħem, dak ta' Ġaffa u dak ta' Ramleh.

Il-Patrijarkat Armen hu ko-proprjetarju tal-Bażilići tal-Qabar ta' Kristu u tan-Natività f'Betleħem flimkien mal-Patrijarkat Grieg Ortodoss u mal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, filwaqt li hu ko-poroprjetarju mal-Griegi Ortodossi tal-Qabar tal-Madonna fil-Wied ta' Ġosafat. Il-ġurisdizzjoni tal-Patrijarka Armen tinkludi l-Art Imqaddsa u l-Ġordanja, b'total ta' madwar 7000 Armen Ortodoss.

## Il-Knisja Sirjaka-Ortodossa

Bl-isem Knisja Sirjaka-Ortodossa ma nifhmux xi Knisja nazzjonali Sirjana, imma pjuttost il-Knisja li żżomm it-tradizzjoni Sirjaka antikissima, li tmur lura għall-ewwel seklu tal-era Kristjana u li kellha bħala ċentru tagħha l-metropoli ta' Antjokja, kapitali tar-reġjun kbir imsejjaħ Sirja fi żmien l-Imperu Ruman. L-Atti tal-Appostli 11,26 jgħidulna li kien proprju f'Antjokja li dawk li emmnu f'Ġesù Kristu għall-ewwel darba bdew jissejħu "Kristjani". Antjokja kienet il-belt li fiha twieled l-evanġelista San Luqa.

Fl-ewwel sekli tal-era Kristjana Antjokja kienet meqjusa bħala l-aktar Patrijarkat importanti tal-Orjent, bi skola eżeġetika, rikkezza ta' duttrina teoloġika, liturġija proprja li tferrxet mal-Lvant Nofsani, monakeżimu fjorenti u ħafna qaddisin. Matul l-iżvilupp tagħha t-tradizzjoni antika Siro-Antjokena estendiet f'reġjuni kbar, u nqasmet f'dik Sirjaka tal-Punent (Asja Minuri, Sirja, Feniċja, Palestina u Ġordanja) u dik Sirjaka tal-Lvant (fir-reġjun 'il hemm mix-xmara Ewfrat, fil-Mesopotamja u l-Persja).

Diġà fil-Konċilju ta' Seleweja tal-410 iż-żewġ tradizzjonijiet Kristjani Sirjaċi nqasmu, u meta l-Knisja Sirjaka-Orjentali ma aċċettatx il-Konċilju ta' Efesu (431), din marret għal rasha u bdiet tissejjaħ Knisja Nestorjana. Il-Knisja Sirjaka-Oċċidentali, imbagħad, ma aċċettatx il-Konċilju ta' Kalċedonja (451) u hi wkoll infirdet mill-Knejjes Kalċedoniżi, barra milli diġà kienet mifruda mill-Knisja Sirjaka-Orjentali, kif rajna. Din il-Knisja aċċettat id-duttrina Kristoloġika ta' Ewtike (Monofisiżmu), li ġiet imxerrda mill-Isqof Ġakbu Bar-Addai. Kien għal din ir-raġuni li l-Kristjani tal-Knisja Sirjaka-Oċċidentali preżenti fis-Sirja, Asja Minuri, Armenja, Ċipru, Eġittu u fil-Persja bdew jiġu magħrufin bl-isem ta' Kristjani "Ġakobiti", jew membri tal-Knisja Sirjaka-Ġakobita. Fl-istess ħin dawk l-Insara li aċċettaw il-Konċilju ta' Kalċedonja f'dawn ir-reġjuni saru Knejjes għalihom fil-Patrijarkati Griegi Ortodossi ta' Antjokja u Lixandra.

Il-ħidma missjunarja tal-Knejjes Sirjaċi kienet intensa. Biżżejjed ngħidu li l-Knisja Nestorjana (Sirjaka-Orjentali) sa waslet fil-Caucasus, fl-Indja, Mongolja u Ċina. Bl-avvanzata tal-Islam bosta minn dawn il-Knejjes inqerdu, ħlief għall-Knisja Sirjaka-Ortodossa Malankariża, li hi preżenti fl-Indja. Illum il-ġurnata l-fidili tal-Knisja omm Sirjaka-Ortodossa ta' Antjokja huma forsi nofs miljun. Huma aktar numerużi l-membri tal-Knisja Sirjaka Ortodossa Ġakobita Malankariża, li hi awtonoma, imma li l-*Katholikós* tagħha jiġi kkonsagrat mill-Patrijarka ta' Antjokja. Hemm ukoll Knejjes Sirjaċi Ortodossi fiż-żona ta' Kerala, ukoll fl-Indja. Il-liturġija tal-Knejjes Sirjaċi Ortodossi tiddistingwi ruħha bl-użu tal-lingwa Sirjaka antika, anke jekk daħal l-Għarbi fil-liturġija.

Il-Patrijarka Sirjaku Ortodoss ta' Antjokja jqis lilu nnifsu bħala s-suċċessur ta' Sant'Injazju ta' Antjokja, isqof u martri, li kien is-



*Knisja ta' San Mark tas-Sirjani Ortodossi*

suċċessur ta' San Pietru li kellu l-ewwel sede tiegħu f'Antjokja qabel dik ta' Ruma. Il-karatteristiċi liturġiċi u devozzjonali tal-Kristjani Sirjaċi Ortodossi huma simili għal dawk tal-Knejjes Ortodossi l-oħrajn, imma t-tradizzjoni ta' fidi Sirjaka tinbena l-aktar fuq il-Konċilju ta' Nicea. L-elementi ċelebrativi liturġiċi huma għalkollox oriġinali, l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija (sagrifiċċju ta' Melkisedek, sagrifiċċju ta' Aaron, sagrifiċċju ta' Kristu) u tas-sagramenti l-oħrajn. Qawwija hi d-devozzjoni lejn il-Verġni Marija.

Ir-relazzjonijiet ekumeniċi mal-Knejjes Kristjani l-oħrajn huma tajbin. Fit-23 ta' Ġunju 1984 saret dikjarazzjoni komuni bejn il-Papa San Ġwanni Pawlu II u l-Patrijarka Injazju Zakka dwar il-professjoni tal-istess fidi fi Kristu rigward in-natura divina u umana tiegħu u rigward il-validità tas-sagramenti u s-suċċessjoni appostolika.

Fl-Art Imqaddsa l-Kristjani Sirjaċi Ortodossi huma komunità ċkejkna li tgħix l-aktar f'Ġerusalemm u Betleħem. Fis-sena 575 diġà kien hemm Isqof Sirjaku f'Ġerusalemm, fejn kien hemm ukoll Patrijarka Biżantin (Grieg Ortodoss). Wara l-ewwel 15-il Isqof mill-komunità Lhudija-Kristjana, l-isqof ta' Ġerusalemm kien Sirjaku: Marku ta' Ġerusalemm. Wara l-Isqfijiet Sirjaċi ħadu t-titlu ta' metropolita, dipendenti mill-Patrijarka ta' Antjokja.

Illum il-ġurnata f'Ġerusalemm hemm metropolita Sirjak-Ortodoss li jgħix fil-knisja ta' San Mark fejn hemm monasteru u ospizju għall-pellegrini. Il-knisja ta' San Mark hi meqjusa bħala l-post fejn kien hemm id-dar ta' Marija, omm l-evanġelista Ġwanni-Marku. Din id-dar tissemma f'Atti 12,12. Is-Sirjaċi Ortodossi jqisu li dan kien il-post fejn kien hemm iċ-Ċenaklu u fejn niżel l-Ispirtu s-Santu. Din il-knisja hi antikissima, anzi forsi l-ewwel Knisja ddedikata lill-Verġni Marija fl-istorja tal-Kristjaneżimu. Għandha ikona antika li hi attribwita lill-evanġelista Luqa, u bibljoteka importanti. Il-kumpless tal-knisja u monasteru tas-Sirjaċi Ortodossi jinsab bejn il-Kwartier Armen u l-Kwartier Lhudi, ftit bogħod mill-Bieb ta' Ġaffa.

Il-komunità Sirjaka Ortodossa tiċċelebra l-liturġija wkoll fil-kappella msejħa ta' San Ġużeppi ta' Arimatija, jew ta' San

Nikodemu, fuq wara nett tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Il-proprjetà ta' din il-kappella hi kkontestata mill-Armeni. Fil-Bażilika s-Sirjaċi, flimkien mal-Kopti, jistgħu biss jiċċelebraw xi liturġiji, u ma għandhomx dritt ta' proprjetà. L-istess jiġri f'Betleħem, fejn tgħix il-maġġoranza tas-Sirjaċi Ortodossi fl-Art Imqaddsa (madwar elfejn membru). Hawnhekk huma jistgħu jiċċelebraw fuq l-altar tal-Armeni fil-Bażilika tan-Nativitā. Għandhom ukoll permess jiċċelebraw fil-Qabar tal-Verġni Marija ħdejn il-Ġetsemani.

## Il-Knisja Kopta Ortodossa

L-isem "Koptu" x'aktarx ġej minn adattament Għarbi tal-isem Grieg *aigyptos*, jiġifieri Eġittu. Jirreferi għall-Knisja tal-Eġittu, li għandha ċ-ċentru tagħha f'Lixandra, waħda mill-eqdem sedi patrijarkali tal-Knisja, marbuta mal-predikazzjoni tal-evanġelista San Mark. Hi wkoll waħda mill-Knejjes Monofisiti, li ma aċċettawx id-duttrina Kristoloġika tal-Konċilju ta' Kalċedonja (451). Il-Kopti Ortodossi jqimu b'mod partikulari lil San Ċirillu, Patrijarka ta' Lixandra (370-444).

Għalkemm l-Islamizzazzjoni tal-Eġittu kienet daqqa ta' ħarta għall-Knisja Kopta, sal-lum il-Kopti Ortodossi jaslu għal madwar 10 miljuni, fuq popolazzjoni ta' 75 miljun, jiġifieri madwar 15% tal-popolazzjoni.

Teżisti wkoll il-Knisja Kopta Kattolika, li tħaddan bejn 250.000 u 300.000 fidil. Sfortunatament it-taqlib politiku fl-Eġittu wassal għal persekuzzjoni kontra l-Knisja Kopta. Bosta kienu l-knejjes maħruqin u l-Kristjani maqtulin f'dawn l-aħħar snin.

Il-mexxej spiritwali tal-Knisja Kopta Ortodossa jġib it-titlu ta' "Papa ta' Lixandra u Patrijarka tas-Sede ta' San Mark fil-Libja, fil-Pentapoli tal-Punent, u fl-Eġittu, Abbissinja u Nubia".

Il-Knisja Kopta tqim qaddisin importanti li għexu fl-Eġittu fl-ewwel sekli, fosthom Sant'Atanasju, Isqof ta' Lixandra (295-373) u Sant'Anton Abbati, missier



*Kopti Ortodossi mal-Franġiskani*


*Raeb Koptu Ortodoss*

il-monakeżimu fl-Orjent (251-357).

Il-prassi ta' fidi u liturġija hi partikolarment oriġinali fil-Knisja Kopta Ortodossa. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u tas-sagramenti l-oħrajn hi kumplessa u twila. Il-Kopti jagħtu importanza kbira lis-sawm. Fil-fatt isumu 210 jum fis-sena, l-aktar fir-Randan u fit-tħejjija tal-festi l-kbar. L-Insara Kopti jqimu b'imħabba kbira lill-Verġni Marija u l-fatt li l-Familja Mqaddsa għexet għal xi żmien fl-Eġittu.

Id-djalogu ekumeniku mal-Knejjes mhux Kalċedoniżi hu tajjeb, l-aktar mal-Etjopiċi u n-Nubjani, imma hu aktar diffiċli mal-Knisja Griega Ortodossa, u speċjalment mal-Knisja Kattolika. It-tradizzjoni monastika Kopta fl-Eġittu, fil-Palestina, u f'Gaza, hi magħrufa. Fl-Art Imqaddsa l-preżenza tal-Kopti kienet dejjem fjorenti, almenu mis-seklu 9. Illum f'Ġerusalemm hemm Arċisqof Koptu u madwar elf fidili, flimkien ma' monaċi.

F'Ġerusalemm il-Kopti għandhom il-Kattidral u l-monasteru ta' Sant'Anton, qrib id-disa' stazzjon tal-*Via Crucis* ftit passi barra mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu l-Kopti ma għandhomx dritt ta' proprjetà, imma għandhom permess jiċċelebraw il-liturġija fil-kappella ċkejkna li għandhom fuq wara tal-Edikola tal-Qabar ta' Kristu. Il-liturġija tiġi ċċelebrata bl-Għarbi, imma wkoll b'xi espressjonijiet bil-Koptu antik imħallat mal-Grieg. Il-Kopti għandhom ukoll knejjes u parroċċi f'Betleħem, Ġeriko u Nazaret.

## Il-Knisja Etjopika jew Abbissina

L-oriġini tal-Knisja Etjopika (Abbissina) jmur lura għal San Frumenzju, dixxiplu ta' Sant'Atanasju ta' Lixandra. Fis-sekli 5-6 il-Kristjaneżimu sar ir-reliġjon uffiċjali tal-Etjopja, speċjalment fil-każ tal-familja Imperjali sal-aħħar Imperatur depost, Haiyla Shelasse (1974). Ir-rabta tal-Knisja Etjopika

mal-Patrijarka ta' Lixandra kienet dejjem qawwija, imma llum din ir-rabta naqset ħafna u l-Isqof metropolitan Etjopiku ma għadux jiġi kkonsagrat mill-Patrijarka Koptu ta' Lixandra. Il-Knisja Etjopika żammet rabtiet speċjali ma' elementi tat-Testment il-Qadim (ċirkonċiżjoni, purità legali u fl-ikel, l-arka tal-patt), u għandha preżenza monastika fjorenti. L-Etjopi jsostnu li r-reġina ta' Saba li ġiet iżżur lil Salamun kienet ġejja mill-Etjopja. Hi Knisja Monofisita, "Knisja Etjopika Ortodossa tal-unifikazzjoni" (taż-żewġ naturi ta' Kristu). Il-kanoni tal-Iskrittura tal-Etjopiċi jaċċetta kotba li huma Apokrifi għall-Kristjani l-oħrajn. Għandhom qima speċjali lejn l-anġli, speċjalment San Mikiel, u l-Verġni Marija.

Meta fl-1993 l-Eritrea nqatgħet mill-Etjopja u saret pajjiż għalih, il-Patrijarka ta' Lixandra rrikonoxxa l-Knisja Eritrea bħala distinta minn dik Abbissina.

Fl-Art Imqaddsa l-Kristjani Etjopiċi ilhom preżenti mis-seklu 4. Minn dejjem kienu jiġu folol kbar f'pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm speċjalment għall-Għid. Fl-1283 sar l-ewwel Isqof Etjopiku ta' Ġerusalemm. Il-komunità attwali hi ċkejkna u l-aktar magħmula minn monaċi li jgħixu fuq il-bejt tal-kappella ta' Santa Elena fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, post imsejjaħ *Deir es-Sultan*, li l-Kopti iżda jgħidu li huma proprjetarji tiegħu. Għandhom xi kappelli li minnhom jinżlu fil-pjazza quddiem il-Bażilika.

Għalkemm illum f'Israel daħlu madwar 30 elf Etjopi, frott tal-*Operation Moses* tal-1980, ħafna minnhom iqisu lilhom infushom Lhud Etjopiċi, u mhumiex Kristjani.

Antikament fl-Art Imqaddsa kien hemm komunitajiet Kristjani oħrajn li llum spiċċaw: Ġorġjani, Nubjani, Nestorjani u Indjani. Dawn kellhom importanza. Il-Ġorġjani saħansitra kienu preżenti fil-Qabar ta' Kristu u fil-monasteru tas-Salib Imqaddes.



*Dejr es-Sultan tal-Etjopiċi Ortodossi*



# "MA GĦANDKOMX INBID" (ĠW 2:5) L-INBID FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

## Is-Simbolu tal-Inbid

L-Inbid fil-Bibbja huwa s-simbolu ta' ferħ u jissemma ħafna drabi fil-Bibbja (ara Salm 104:14 u Koħ 9:7). Huwa s-simbolu tal-prosperità u tal-Art Imwiegħda, l-għenba hija s-simbolu ta' Israel. Jissemma sa minn żmien Noè sal-Ġdid Testment fejn naraw l-episodju importanti

tal-ewwel sinjal li sar fit-tieġ ta' Kana, fejn Ġesù biddel l-ilma fl-inbid. Mela l-ewwel miraklu li għamel Ġesù kellu rabta mal-inbid. L-inbid huwa fuq kollox marbut mas-saħħa u mal-barka ta' Alla, filwaqt li x-xarbiet velenużi huma marbuta mas-saħta. Għalhekk l-inbid, huwa s-simbolu ta' ferħ u ta' festa, "li jferraħ qalb il-bniedem" (Salm 104:5); ma tistax timmaġina festa mingħajr inbid: "Ma għandhomx inbid", qalet Marija lil binha fit-tieġ ta' Kana (ara Ġw 2:1-11). Eżodu 29:40-41 jitkellem mill-offerta tal-inbid kuljum lil Alla. Infatti l-kelma Ebrajka għal festa tfisser 'tixrob'. Il-profeti speċjalment Isaija, Ġeremija, Eżekjel, Hosegħa, Mikea, Ġoel, Naħum u Żakkarija jużaw ħafna s-simboliżmu tad-dielja u tal-inbid, fuq kollox ma ninsewx l-allegorija tad-dielja fil-kapitlu 15 ta' San Ġwann.

## L-Inbid fil-Palestina

L-ispiji ta' Mose' fl-Art Imqaddsa kienu skoprew li l-art hija tajba ħafna għall-għeneb (ara Num 13:23). Art fejn l-ilma mhux daqshekk abbundanti, u l-ħalib tal-annimali faċli jiqras bit-temperaturi sħan, il-produzzjoni tal-inbid bħala "id-demm tal-għenba" kienet neċessità kif jikteb il-Bin Sirak. Il-Lhud fil-qedem kienu jixorbu l-inbid bħala estratt mhux biss mill-għeneb imma ukoll minn frott ieħor. L-inbid fil-produzzjoni naturali tiegħu jinvolvi l-meraq tal-għenba flimkien mal-qoxra tal-għenba nnifisha, fejn il-ħmira naturali tal-qoxra tal-għenba *saccharomyces cerevisiae* titħallat mal-element taz-zokkor fil-meraq fl-għenba u tikkonvertih għall-inbid, eżattament bħall-gas *carbon dioxide* u l-likwidu *alcohol*. Din il-ħmira fl-għeneb kienet tintuża fil-produzzjoni tal-ħobż u għalhekk ir-rabta bikrija li nsibu bejn il-ħobż u l-ibid u għalina l-Ewkaristija. Il-produzzjoni tal-inbid tmur lura saħansitra 6000 sena Q.K. kif insibu f'fdalijiet li nstabu f'Shulaveris-Gora f'Georgia u fl-Iran, fil-Hajji Firuz Tepe fil-Muntanji Zagros u fil-muntanji Taurus fit-Turkija. Il-klima u l-ħamrija tal-Palestina huma adattati ħafna għat-tkabbir tal-għeneb. Fit-Transġordanja nsibu art fertili b'vulkani mejtin li hija tajba ħafna għall-għeneb, bħal per eżempju l-art ta' Baxan u Mowab. L-għelieqi tad-dwieli kienu protetti mill-għadu jiġifieri mill-annimali selvaġġi u mir-riħ qawwi permezz tal-ħitan tal-ġebel u kien ikun hemm torri għoli fl-għalqa fejn wieħed kien jista' jindokra l-għeneb tiegħu minn xi ħalliel (ara parabbola tal-għalqa tad-dwieli). Fil-fatt wieħed illum isib ħafna postijiet antiki f'Israel marbuta mal-għasir tal-għeneb u mal-produzzjoni tal-inbid. Il-qtugħ tal-għeneb kien isir f'Lulju fin-naħat tax-xmara Ġordan u f'Awwissu mal-kosta Mediterranja. Fil-fatt l-art ta' Mowab bejn il-Wied Hesban u l-Wied Hesa hija magħrufa ħafna għall-inbid tagħha (ara Is 16:7-10). Insibu ukoll kant marbut mal-qtugħ tal-għeneb (ara Isa 27:2 u 65:8). Plutarku u Plinju jsostnu li l-inbid tal-



Palestina kien ta' kwalità superjuri fil-Mediterran. Tajjeb li ngħidu li l-inbid idum jiffermenta u jsir inbid tajjeb wara erbgħin ġurnata. Hawn Malta missirijietna kienu jagħsru l-għeneb f'Settembru u kienu jibdew jixorbu minnu fil-Festa tal-Qaddisin kollha, ovvjament inbid iktar ma' jkun qadim iktar ikun tajjeb.

## L-Inbid fl-Antik Testment

Fl-ewwel ktieb tal-Bibbja, il-Ġenesi, naraw mill-ewwel ir-rwol importanti tal-inbid. Naraw lil Noè ikabbar l-għeneb fl-għelieqi tiegħu f'Ġen 9:20-21 u l-kultivazzjoni tal-għeneb fi żmienu. Naraw ukoll lil Noè jkun vittma ta' xorb żejjed tal-inbid u x'ħin iqum jisħet it-tifel ta' Ħam, Kangħan. Il-qassis misterjuż ta' Salem, Melkisedek li kien qassis ta' El-għeljon ibierek lil Abraham u l-familja tiegħu bil-ħobż u l-inbid, pre-figura tal-Ewkaristija ta' Kristu. (ara Ġen 14:18) Iżakk ibierek lill-ibnu Ġakobb u jawguralu abbundunza ta' qamħ u inbid. L-istess għamel Ġakobb lil uliedu, it-tnax-il tribù ta' Israel. It-tnax-il spija li bagħat Mosè, fejn kienu waslu sal-wied ta' Eskol u rritornaw lejn Kades fid-deżert ta' Paran, ġabu magħhom għenqud għeneb kbir (ara Numri 13 u 14). L-arblu ta' Ġesse, missier David, jew ir-rimja ta' Ġesse li jħabbar Isaija, hija d-dielja.

Il-kelma komuni Ebrajka għall-inbid hija *yayin* li tfisser 'tagħli', b'riferenza għall-fermantazzjoni tal-għeneb, u din il-kelma nsibuha 3196 darba fl-Antik Testament, filwaqt li fil-Grieg għandna l-kelmiet *oinos*, u *gleukos*, bil-Latin: *vinum*. Fil-Ħitti hemm il-kelma *wiyana* u fil-Grieg Aeoliku hemm il-kelma *woinos* (fl-Ingliż: *wine*). Insibu kelmiet oħra għall-tipi oħra ta' inbid, per eżempju hemm ukoll il-kelma Ebrajka *tirosh* li kien inbid ħelu (ara Ħos 4:11) bil-Latin dan jissejjaħ *mustum*. Kien hemm ukoll tip ta' inbid qawwi *shekar* (bil-Malti għandna l-kelma 'sokor') u bil-Grieg *sikera*. Hemm il-kelma *chemer* u bl-Aramajk *chamar* li jirriferu għall-inbid fil-proċess tal-fermentazzjoni. Fil-fatt il-kelma Ebrajka *hamar* tfisser 'jagħli', fil-Malti għandna l-kelma 'aħmar' marbuta man-nar. Kien hemm ukoll il-kelma Ebrajka għall-inbid il-ġdid tas-sena *asis* u bil-Grieg *glukasmos*. L-inbid, meta kien isir ħall, kienu

jsejħulu *chomets* għall-inbid qares, bil-Grieg *oxos*. Kien ikun inbid imħallat bl-ilma u għalhekk kien meqjus bħala x-xorb tal-fqar. L-inbid il-qadim kienu jgħidulu *shemar* u bil-Grieg *trugias*. Kien hemm ukoll l-għeneb ippressat fi żbib imsejjaħ *ashishah* (2 Sam 6:19). Kien hemm kelmiet oħra Ebrajċi għall-inbid imħallat bħal: *sobhe*, *mamsok*, *mesekh*, *mezeg* u bil-Grieg *kerasma*. Fil-Latin hemm il-kliem bħal: *aigleuces vinum*, *defrutum vinum*, *vinum pendens*, *simper mustum*. Il-kittieb storiku Josephus meta jitkellem dwar il-frott tad-dielja jikteb: *gennema tes ampelou*.



Fil-Bibbja hemm kundanna għal min jisker bl-inbid kif naraw f'Prov 23:20; Isaija 5:11. Is-sokor fil-Bibbja huwa għalhekk marbut mad-dnub. Fil-Ġenesi naraw lil Noè u lil Lot jeħodhom l-inbid (ara Ġen 9:20-21 u Ġen 19:32-33). Naraw l-inbid bħala offerta tal-bikri lil Alla (Dewt 18:4). Ġuditta toqtol lill-Ġeneral tal-Assirja Oloferne wara li dan siker u hi qatgħetlu rasu. Absalom t-tifel ta' David u r-re Assweru fi żmien Ester kienu taħt l-effett qawwi tal-inbid fl-aġir ħażin tagħhom. Riferimenti oħra bibliċi b'rabta mal-inbid





huma Isaija 16:10; Ġer 40:1-12; Neħemija 13:15 u Lam 2:12.

F'Ġeremija 35 insibu lill-Rekabin li ma jixorbux inbid. Anke in-Nażrin ma kinux jixorbu nbid (ara Num 6:1-4) bħalma kien Sansun (Imħallfin 14:8-9), Samwel (1 Sam 1:11) u Ġwanni l-Battista fejn wara nsibu lill-Ebjoniti, 'dawk fil-bżonn' u l-Enkratiti. Marbut ma' dan hemm l-episodju tal-wegħda li kellu San Pawl f'Atti 24:5-18. Fil-fatt in-'nażir' (ara Num 6:1-21) kien ifisser l-ikkonsagrat lil Alla u dak li kien separat mid-dinja u mogħti lil Alla u ma kienx jixrob inbid u ma jaqtax xagħru u ma jersaqx lejn il-katavri. Is-saċerdot Lhudi li kien se jiċċelebra l-liturġija kien ukoll jastjeni qabel minn inbid u minn xi xorb qawwi (Lev 10:1). Fl-eżilju, Danjel u l-Lhud ma xorbux mill-inbid

tar-rejiet li ħakmu fuqhom għaliex kienu jaraw fih att ta' infeleltà lejn Alla. Anke r-rejiet kienu joqogħdu ħafna attenti mix-xorb żejjed tal-inbid ħalli l-ġudizzji tagħhom jkunu dejjem sewwa. Is-salmi ukoll juru l-ferħ u l-barka tal-inbid fejn is-Salm 116 jitkellem mill-'kalċi tas-salvazzjoni'. "L-inbid daqs il-ħajja għall-bniedem jekk tixorbu bil-qies tiegħu" (Sir 31:25 u Titu 2:3). L-inbid kien ukoll jintuża fis-sagrifiċċji tal-Lhud bħal dak tal-ewwel frott lil Alla. L-inbid kien jifforma x-xorb prinċipali fl-ikla tal-Għid tal-Lhud. Tajjeb li nsemmu li l-magħsar u l-pressa tal-għeneb tissejjaħ *gath* (ara Imħ 6:11).

## L-Inbid fil-Ġdid Testment

Ġesù mhux biss ixebbah lilu nnifsu mad-dielja imma jgħid li "Jiena hu d-dielja vera" (Ġw 15:1). Ġesù wettaq l-ewwel miraklu, skont San Ġwann, bl-inbid u biddel l-ilma f'inbid tajjeb ħafna" (bil-Grieg: *kalon onion*, ara Ġwanni 2:1-11). L-inbid tajjeb huwa deskritt bil-Latin: *poculis vini innocentis* jew *utilissimum vinum* jew *saluberrimum vinum*, fil-kitbiet ta' Plinju u Plutarku. Ġesù fit-tagħlim tiegħu juża wkoll is-simboliżmu tal-inbid meta jitkellem mill-inbid ġdid f'damiġġani ġodda tal-ġild u dan b'riferiment għall-fidi (ara Luqa 5:37-38 u Mark 2:22), fejn naraw l-inbid il-qadim bħala riferiment għad-drawwiet qodma waqt l-inbid il-ġdid ifisser il-ħajja ġdida fi Kristu. Naraw ukoll lil Ġesù jiekol u jixrob għand il-pubblikani (ara Matt 11:19). Fuq kollox bħalma jagħmel Melkisedek fl-Antik Testment hekk Ġesù juża l-elementi tal-ħobż u l-inbid fl-Ikla tal-Għid fl-Aħħar Ċena (ara Matt 26:26-29; Mark 14:22-25 u Luqa 22:14-23 u 1 Kor 11:17-34) fejn it-tielet tazza inbid kienet tissejjaħ it-tazza tal-barka *cos ha-berachah*, dan b'kuntrast mal-inbid tal-kundanna 'tax-xjaten' ("li jixrob il-kundanna tiegħu") li jsemmi San Pawl f'1 Kor 10:21. L-inbid huwa, flimkien mal-ħobż, l-element essenzjali li għażel Ġesù nnifsu għall-Festa tal-Ewkaristija. Il-Knisja minn dejjem ikkundannat dawk il-gruppi jew setet li kienu jissostitwixxu l-inbid ewkaristiku b'xi xorb ieħor.

Għalhekk fid-dinja biblika, l-ħobż u l-inbid huma l-elementi l-iktar universali u l-iktar bażiċi biex wieħed jiekol ma' sħabu u jagħmel festa. Fil-quddiesa, Ġesù ibiddel quddiem għajnejna, il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħu, għax Hu tassew jixtieq jibqa' magħna biex jagħmlilna festa u jkollna tassew il-ferħ veru (ara Ġw 15:1-11), "Tassew, tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' bin il-Bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom." (Ġw 6:53). Naraw fil-Ġdid Testment ukoll il-qawwa mediċinali tal-inbid; kif naraw fl-episodju tas-Samaritan it-tajjeb li dewwa l-feriti biż-żejt u l-inbid. San Pawl jikkundanna s-sokor kif naraw f'Gal 5:19-21, Rum 13:13 u Ef 5:18. Fl-aħħar nett anke Jum il-Mulej huwa marbut ma' inbid ġdid.

## Biblijografija


Bacchiocchi, S., *Wine in the Bible: A biblical study on the use of alcoholic beverages*, Andrews University 1999.

Cavalieri, D. et als, "Evidence for S. cerevisiae Fermentation in ancient wine", in *Journal of Molecular Evolution* 57 (2003) 226-232.

Chepey, S., *Nazirites in the late second temple Judaism: a survey of ancient jewish writings, the New Testament, archaeological evidence and other writings from late antiquity*, AJEC 60 Leiden 2005.

Gordon, E., *Christ, the apostles and wine*, Philadelphia 1947.

Jenks, A.W., "Eating and drinking in the Old Testament", in *Anchor Bible Dictionary* 2, 250-254.

Marshall, T., *The crucified Rabbi: Judaism and the origins of the Catholic Christianity*, Saint John Press 2009.

McGovern, P.E., *Ancient wine: The scientific search for the origins of viniculture*, Princeton 2003.

Mondavi, R., "Wine and History" in *The Public Historian* 16 (1994/4) 67-69.



# PRIVILEĠĠI U ESIĠENZI TAL-GĦAQDA MA' KRISTU QASSIS IL-KBIR (LHUD 10,19-25) (3)

***Mons Lawrenz Sciberras***

*"Ladarba, ħuti, għandna l-fiduċja li nidħlu fis-Santwarju bis-saħħa tad-demm ta' Ġesù billi ngħaddu mit-triq, ġdida u ħajja, li hu fetħilna 'l ġewwa mill-velu, li hu l-ġisem tiegħu stess; u ladarba għandna dan il-qassis il-kbir imqiegħed fuq il-familja ta' Alla, ejjew nersqu b'qalb*

*sinċiera u b'fidi sħiħa, bi qlubna mnaddfin minn kuxjenza ħażina u l-ġisem tagħna maħsul b'ilma safi. Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda. Naraw kif nistgħu nħajjru lil xulxin għall-imħabba u għall-għemil tajjeb. Ma ninqatgħux mil-laqgħat tagħna flimkien, kif ħadu d-drawwa jagħmlu xi wħud; agħmlu l-qalb lil xulxin; u dan wisq aktar għandkom tagħmluh, aktar ma' taraw li qiegħed joqrob il-Jum.*" (Lhud 10,19-25).

Wara li ħareġ għad-dawl it-tagħlim dwar is-saċerdozju u s-sagrifiċċju ta' Kristu, l-awtur tal-ittra lil-Lhud jiġbed il-konklużjonijiet għall-poplu Kristjan kollu li jemmen tassew. Huwa jiddeskrivi s-sitwazzjoni tagħna wara l-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Dawn saru totalment sbieħ u aċċettabbli, sitwazzjonijiet fejn tispikka bil-qawwa kollha l-maħfra, l-imħabba u t-tollerenza.

## Iċ-ċentru tal-ittra

Il-vers 19 tal-kapitlu għaxra huwa ta' importanza kbira, anzi l-qalba tal-ittra kollha kemm hi. Dan għaliex fiha hemm it-tagħlim u l-programm ta' ħajja Kristjana. Din is-silta tiġbor fiha żewġ partijiet li huma marbutin ħafna ma' xulxin, imma li huma wkoll magħżulin minn xulxin. L-ewwel parti hija deskrittiva; it-tieni parti hija eżortattiva jew li tqanqlek biex tagħmel xi ħaġa.

L-ewwel parti turi li aħna issa, wara l-mewt ta' Ġesù, għandna tliet ħwejjeġ u sewwa li nħaddmuhom: (a) id-dritt għad-dħul fis-santwarju ċelesti, (b) it-triq li rridu nimxu biex naslu sa dan is-santwarju (c) il-gwida li tmexxina f'din it-triq. It-tieni parti tistedinna biex nieħdu mġiba mqiegħda fi tliet sitwazzjonijiet tal-ħajja: Dawn huma l-fidi, t-tama, u l-imħabba.

L-awtur hawn ma jużax il-kelma "alleanza", imma r-realtà li jiddeskrivi taqbel perfettament ma' sitwazzjoni ta' alleanza, għaliex fiha la hemm firda u lanqas nuqqas ta' komunikazzjoni. L-ewwel parti li hija deskrittiva hija din: "*Ladarba, ħuti, għandna l-fiduċja li nidħlu fis-Santwarju bis-saħħa tad-demm ta' Ġesù billi ngħaddu mit-triq, ġdida u ħajja, li hu fetħilna 'l ġewwa mill-velu, li hu l-ġisem tiegħu stess; u ladarba għandna dan*





*il-qassis il-kbir imqiegħed fuq il-familja ta' Alla,"* (Lhud 10,19-21). It-tieni parti imbagħad hija waħda eżortativa.

Fil-bidu ta' din is-silta, l-awtur jikteb il-kelma "ħuti"; din turi l-għaqda ta' dawk li jemmnu fit-Tesment il-Ġdid. Dawn huma aħwa ta' Kristu, u aħwa fi Kristu (Lhud 2,11-12). Fi żmien il-patt il-Ġdid dawk kollha li jemmnu għandhom "dritt sħiħ" biex jidħlu fis-Santwarju biex joqorbu aktar lejn Alla.

Fit-traduzzjonijiet ta' spiss insibu l-kelma "fiduċja" minflok "dritt". Iżda l-kelma Griega hija *parresia,* din ma tindikax sempliċement xi forma ta' sentiment suġġettiv ta' fiduċja; imma fl-istess waqt tindika dritt oġġettiv jiġifieri dik il-libertà li tidħol u tesprimi ruħek. *Parresia* hija kelma karatteristika tal-belt Griega. F'Ateni u fi bliet oħra demokratiċi tal-Greċja, ċ-ċitadini kellhom il-*parresia*, jiġifieri id-dritt li jindaħlu u li jitkellmu fl-assembleji u dan biex jesprimu u jiddefendu l-pożizzjoni proprja tagħhom. Dan id-dritt ma kienx jiġi mogħti la lill-barranin u anqas lill-iskjavi.

Fit-Testment il-Ġdid it-terminu *parresia* jiġi użat ħafna u dan biex joħloq is-sitwazzjoni Kristjana bħala sitwazzjoni ta' libertà (a) ta' dritt tal-kelma, u (b) ta' dritt għad-dħul f'xi assemblea. In-Nisrani għandu l-libertà ta' iben Alla, mela għandu wkoll id-dritt li jidħol fis-Santwarju divin.

## Diversi forom ta' firdiet

Matul iż-żmien tat-Testment il-Qadim kienu jeżiżtu bosta forom ta' firdiet; issa dawn kollha ġew imneħħija. Fost dawn il-firdiet kien hemm: (a) Għażla bejn il-poplu kollu u l-qassisin; il-poplu qatt ma seta' jidħol fil-binja tat-tempju; imma seta' joqgħod biss fil-btieħi ta' barra. (b) Firda bejn il-qassisin u l-Qassis il-Kbir. Tal-ewwel setgħu jidħlu fil-binja tat-tempju, però xorta waħda kien hemm separazzjoni bejn il-qassisin u l-Qassis il-Kbir. Tal-ewwel ma setgħu qatt jidħlu fil-parti l-aktar qaddisa, mela fil-"qaddis tal-qaddisin" *debir*; imma f'dik il-parti msejħa biss "il-qaddis" *hekal.* Kien il-qassis il-kbir

biss li kellu d-dritt li jidħol fil-qaddis tal-qaddisin u dan waħdu u darba biss fis-sena. (c) Kien hemm ukoll għażliet bejn il-qassis u l-vittma. Il-qassis ma setax joffri lilu nnifsu, ma kienx dehen, anqas kapaċi. Kellu joffri bħala vittma annimal, bhima. Iżda l-annimal qatt ma kien kapaċi jqaddes il-qassis jew in-nies. Annimal hu! (d) Fl-aħħar kien hemm ukoll l-għażla bejn il-vittma u Alla. Annimal qatt ma setaʼ jidħol f'komunjoni maʼ Alla. Anqas biss tistaʼ taħseb dwar dan! U r-raġunament ma għandux bżonn forza.

Issa grazzi għall-offerta taʼ Kristu fuq is-salib, dawk kollha li jemmnu għandhom id-dritt li jidħlu fis-Santwarju. Hawn ma aħniex nifhmu santwarju magħmul minn idejn taʼ bniedem, imma s-santwarju veru u reali. Dan ifisser li wieħed jidħol fl-intimità taʼ Alla.

Dan id-dritt tad-dħul huwa mibni grazzi għad-DEMM taʼ Ġesù. Dan għaliex id-demm sar demm tal-Patt il-Ġdid, billi ġie mxerred waqt offerta l-aktar ġeneruża. Hekk dan id-demm ħassar il-firdiet kollha tal-qedem u waqqaf l-għaqda sħiħa bejn il-poplu u Alla.

Permezz tal-offerta tiegħu, Kristu ħassar dik il-għażla bejn il-vittma u Alla, u dan għaliex kien vittma li togħġob lil Alla; vittma "mingħajr tebgħa" (Lhud 9,14). Vittma li b'imħabba kbira kompliet perfettament il-volontà taʼ Alla (Lhud 10,9), u għalhekk ma setgħetx ma tiġix milqugħa. Fl-istess waqt Kristu neħħa u warrab il-firda li kien hemm bejn is-saċerdot u l-vittma stess, u dan għaliex huma l-istess persuna (dik taʼ Ġesù) li saret vittma (Lhud 9,14). Ġesù kien fl-istess waqt il-qassis u l-vittma.

F'dak il-waqt li Ġesù laqaʼ u aċċetta l-vittma, aċċetta wkoll il-qassis, u għollih ħdejh fil-glorja.

Kristu warrab ukoll dik il-għażla bejn il-poplu u l-qassis, għaliex l-offerta li għamel Ġesù kienet att taʼ solidarjetà sħiħa magħna lkoll mingħajr ebda differenza taʼ sess, razza u età. Dan kien att li fil-waqt li l-konsagrazzjoni saċerdotali ġiet mogħtija lilu ġiet ukoll ikkomunikata lilna (Lhud 5,9; 10,14). Hekk id-demm taʼ Kristu sar tassew "id-demm tal-patt" (Lhud 10,29; 13,20). Demm li waqqaf sitwazzjoni ġdida u li bħala ma kienet għadha qatt saret qabel.

San Pawl fl-ittra lil Efesin jafferma li lkoll kemm aħna issa għandna l-libertà għad-dħul għal għand il-Missier; għaliex fi Kristu s-Sinjur tagħna għandna l-*parrusia*, mela "għandna d-dritt li





nersqu permezz tal-fidi tagħna" (Ef 3,12). Id-demm ta' Kristu jippossjedi qawwa straordinarja ta' għaqda, jistabilixxi l-għaqda ma' Alla u bejn l-aħwa. Hekk kif id-demm tagħna jagħmel dik l-għaqda vitali bejn iċ-ċelluli tal-ġisem tagħna, hekk ukoll jagħmel id-demm ta' Kristu fil-ġisem ta' Kristu li tiegħu aħna membri.

## It-triq li għandna nimxu

L-awtur jgħaddi għal żewġ aspetti oħra: Biex nidħlu fis-santwarju mhux biżżejjed li jkollna d-dritt għad-dħul, hemm bżonn ukoll li jkollna triq x'nimxu u gwida li timxi qabilna f'din it-triq. Dan kollu qiegħed fi Kristu. Fih "*ngħaddu mit-triq, ġdida u ħajja, li hu fetħilna 'l ġewwa mill-velu, li hu l-ġisem tiegħu stess*" (Lhud 10,20). Fl-aħħar mill-aħħar kien Ġesù stess li qal li huwa "it-triq".

Hawn ukoll toħroġ ċara bidla ta' sitwazzjoni, dejjem f'rispett mal-kult tat-Testment il-Qadim. Qabel l-awtur stqarr ċar li matul żmien it-Testment il-Qadim it-triq lejn il-veru santwarju kienet għadha ma ġietx "murija" (Lhud 9,8), mela mhux magħrufa u anqas miftuħa. Wieħed ma kienx jaf fejn u liema naħa għandu jmur. Mela l-komunikazzjoni lejn u ma' Alla kienet impossibbli. Imma issa għandna t-triq, li hija n-natura umana ta' Ġesù mibdula fis-sagrifiċċju tiegħu. L-awtur jgħidilna li din it-triq ġiet inawgurata minn Kristu stess fil-ministeru tal-Għid tiegħu. Biex jidħol fl-intimità ċelesti ta' Alla bin-natura tiegħu gglorifikata, Kristu ħaddem din it-triq li hija l-umanità gglorifikata tiegħu.

Din it-"triq" ġdida, ma kinitx teżiżti qabel, hija ħolqien ġdid. Din hija t-triq sewwa lejn l-alleanza ġdida, li jimxieha dak li rċieva l-qalb ġdida, l-ispirtu ġdid, l-Ispirtu ta' Alla. Din hija triq li twassal għall-ħajja, għaliex għandha x'taqsam ma' Kristu rxoxtat, dak "li hu ħaj" (Lq 24,5). Kristu rxoxtat ma jmutx aktar, il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu, jgħid San Pawl (Rm 6,9). It-triq ġdida u ħajja hija l-istess Kristu. Li wieħed jitkellem minn triq ġdida u ħajja huwa mod ieħor kif wieħed jiddisinja "it-tinda aqwa u aktar perfetta" (Lhud 9,11). Grazzi għal din it-tinda (ġisem), Kristu daħal fis-santwarju divin. Hawn qegħdin nirreferu għall-umanità gglorifikata wara l-qawmien ta' Ġesù u li saret għalina lkoll l-unika triq li twassal għand Alla.

Hemm bżonn li nifhmu aħjar it-tiġdid straordinarju li daħal fid-dinja grazzi għall-qawmien ta' Kristu. Din il-ħaġa tagħtina l-kapaċità li "ninbidlu, billi nġeddu kontinwament il-mentalità tagħna (Rm 12,2), u nilbsu l-bniedem il-ġdid (Ef 4,24). Aħna ma aħniex imsejħin biex ngħixu f'dinja qadima, imma (a) f'ħolqien ġdid, (b) b'qalb ġdida, (c) fi spirtu ġdid. Dan kollu seħħ grazzi għall-passjoni li saret b'ġisem Ġesù u l-qawmien ta' ġismu issa gglorifikat.



# ĠESÙ, DIELJA VERA ĠWANNI 15:1-11

***Fr Marcello Ghirlando***

Fis-silta magħżula Ġesù jippreżenta lilu nnifsu bħala d-dielja vera. Ejjew nħarsu lejn is-silta evanġelika u nippruvaw ninżlu ftit aktar fit-tifsira aktar sħiħa tagħha.



L-Evanġelista Ġwanni hekk jikteb: *"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom. Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn. Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; mbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu. Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom. Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi.*

*Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu f'imħabbti, kif jien ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. Għedtilkom*

*dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.*"

## "Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom."

"*Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom.*" Din hija t-tema li torbot flimkien l-ewwel ħdax-il vers tal-kapitlu 15 tal-Vanġelu skont San Ġwann. It-tixbiha tad-dielja hija strumentali biex tgħaddi din it-tema fundamentali tar-raba' Vanġelu. Vrus 1-5a jisħqu fuq l-importanza li d-dixxiplu jibqa' f'Ġesù; il-frott jew in-nuqqas tiegħu ta' dan jiġi ppreżentat fil-vrus 5b-8, "*għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.*" Vrus 9-11 ifakkruna li tibqa' fil-Mulej ifisser tibqa' f'imħabbtu fil-ħarsien tal-kelma tiegħu; mlaqqmin f'imħabbtu iwassal għal ferħ.

"*Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi.*" Għandna hawnhekk l-aħħar mill-istqarrijiet ἐγώ εἰμι, "*Jiena hu*" tal-Vanġelu; magħha Ġesù jżid "u Missieri l-bidwi." Għax huwa l-Missier li jaqta', jiżbor u jnaddaf il-friegħi biex jagħmlu aktar frott. Huwa l-Missier li, permezz ta' Kristu Ibnu, jgħaddi l-kelma u l-opri tiegħu (cf. 14:10), u r-relazzjoni tal-Iben mad-dixxiplu, tema fundamentali tat-test, hija mlaqqma f'dik tal-Missier mal-Iben (cf. 14:10; 17:21–23).

Id-dielja fil-Bibbja hija s-siġra tal-prosperità u tal-ferħ messjaniku, sinjal tal-poplu fidil jew infidil. Israel kien spiss jiġi mqabbel mad-dielja jew mal-għalqa tad-dwieli. "*Israel dielja kollha friegħi, tagħmel ħafna frott. Aktar ma kellu frott, aktar bena artali. Aktar ma kienet tagħti l-art, aktar sebbaħ il-plieri sagri*" (Hos 10:1–20); "*Ħa ngħanni lill-maħbub tiegħi l-għanja ta' mħabbtu għall-għalqa tad-dwieli tiegħu. Il-maħbub tiegħi kellu għalqa tad-dwieli fuq għolja għammiela. Għażaqha u naddafha miż-żrar, u ħawwel fiha dwieli mill-aħjar; bena torri f'nofsha, u wkoll ħaffer magħsar fiha. Stennieha tagħmel l-għeneb tajjeb, iżda kull ma għamlet kien għeneb qares. U issa, intom li tgħammru f'Ġerusalemm,*



*irġiel ta' Ġuda, agħmlu ħaqq bejni u bejn l-għalqa tad-dwieli tiegħi. X'kien fadalli nagħmel għall-għalqa tiegħi u ma għamiltux?... Għax l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej ta'-eżerċti hija d-dar ta' Israel"* (Is 5:1–4.7); *"Għannulha lill-ġnejna tad-dwieli, il-ġnejna fiha għaxqa! Jiena l-Mulej, l-għassies tagħha. Kull ħin u kull waqt insaqqiha. Biex ma tiġrilha l-ebda ħsara, lejl u nhar jien inħarisha. Ma għadnix mgħaddab. Li kien hemm ix-xewk u l-ħurrieq, kont nagħmlilhom gwerra, naħraqhom ilkoll f'salt wieħed, sakemm ma jfittxux il-kenn fija u ma jagħmlux paċi miegħi, u ma jagħmlux paċi miegħi"* (Is 27:2-5; ara wkoll: Ġer 2:21; Eżek 15:1–5, 17:1–21; 19:10–14; S 80:8–18). F'dal kuntest huwa interessanti niftakru kif l-għarusa tal-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet hija mxebbha ma' 'għalqa tad-dwieli': *"Salamun kellu għalqa tad-dwieli f'Bagħal-ħamon; din l-għalqa ħalliha f'idejn l-għassiesa, u kull wieħed kellu jagħtih il-frott tiegħu: elf biċċa tal-fidda. L-għalqa tiegħi tad-dwieli, li hi tiegħi, tinsab quddiemi: Salamun, l-elf biċċa għalik, u mitejn għal dawk li jgħassu l-frott tagħha"* (Għanja 8:11-12).

It-tradizzjoni kompliet anke fil-Ġudaiżmu (*Lev. Rab.* 36 (133a). Il-figura tad-dielja kienet anke użata fil-muniti u fiċ-ċeramika mill-perijodu tal-Makkabin 'il quddiem; Ġużeppi Flavju jfakkar li fl-intrata tas-santwarju fit-Tempju mibni minn Erodi kien hemm dielja kbira tad-deheb (*Ant.*15.395). Huwa interessanti niftakru li meta Israel jiġi mqabbel ma' dielja jew għalqa tad-dwieli, il-poplu jkun qed jiġi mqiegħed fid-dawl tal-ġudizzju ta' Alla u jigi kkundannat għan-nuqqas ta' frott (e.g., Iż 5:1–7; Ġer 2:21).

Ġesù huwa d-dielja vera f'kuntrast ma' Israel li ma għamilx frott għal Alla.



Il-Mulej huwa l-Iben ta' Alla-Bin il-Bniedem li jmut u jqum sabiex fih, magħqud miegħu, jitwieled poplu ġdid li jagħmel il-frott. Hu d-dielja vera u d-dixxipli huma l-friegħi, li bil-qawwa tal-Ispirtu, jibqgħu fih u jkollhom il-ħajja. Magħqudin miegħu fil-fidi jipproduċu l-frott tal-karità.

2 "*Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar.*" Il-Missier jindokra kull fergħa li tagħmel il-frott; jiżbor u jnaddaf biex il-frott jitkattar; jaqta' barra kull fergħa li ma tagħmilx frott. Huwa Ġesù-dielja li jagħti l-ħajja, iżda hu l-Missier li jindokra biex ikabbar, hu jiddeċiedi biex jaqta' barra l-friegħi mejta, mhux kapaċi jagħtu frott. Id-dixxiplu li jingħaqad ma' Kristu jieħu sehem fil-ħajja awtentika, dik li ġejja minn Alla: dan is-sehem jixprunah jgħix fid-dawl tal-ħajja ġdida mogħtija mill-Mulej.

3 "*Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom.*" Wara li Ġesù jistqarr min hu, u min hu l-Missier, jindirizza direttament lid-dixxipli billi jgħidilhom li huma ġa ndaf minħabba l-kelma li qalilhom. Madwar il-mejda, fi smigħ tal-kelma tiegħu, id-dixxipli huma friegħi li jagħmlu l-frott, magħqudin f'intimità mal-Mibgħut tal-Missier. Fis-smigħ tal-kelma tiegħu kienu qed jinżabru u jitnaddfu. Ġesù kien diġà qalilhom li kienu "*indaf*" (13:10); issa jtenni li huma ndaf "*minħabba l-kelma li għidtilkom*": Hu d-dielja, Missieru l-bidwi, u d-dixxipli, magħmula ndaf bis-saħħa tal-kelma tiegħu, jistgħu jkunu friegħi li jagħmlu l-frott. Dan iseħħ billi jibqgħu fih, Hu li hu l-espressjoni sħiħa tar-rieda ta' Alla għall-bnedmin.

4 "*Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija.*" L-għaqda



ma' Ġesù titlob impenn kontinwu. Mhijiex biss kwistjoni li temmen fih. Trid temmen u taħdem biex tibqa' fih (Ġuda u Pietru, fil-kuntest tar-rakkont tal-Passjoni, jsiru xempji ta' dak li jista' jiġri meta d-dixxiplu ma jibqax fl-Imgħallem. Cf: 13:2, 11, 18-20, 21-30, 36-38). Il-verb Μείνατε, jista' jfisser "*Idħlu issa f'għaqda miegħi*", "*Ikkultivaw l-għaqda miegħi*". Hija stedina lid-dixxipli, lill-qarrejja tal-Vanġelu, biex jidħlu fl-avventura tal-għaqda miegħu, għaqda li setgħet issir possibbli bil-qawwa tal-mewt u l-qawmien tiegħu, għaqda li hija mibnija fuq il-fedeltà dejjiema tiegħu, "*u jiena nibqa' fikom*", jiġifieri "*għax jiena żgur dejjem fikom, magħkom*". L-intimità progressiva mal-Mulej għandha l-fedeltà tiegħu bħala għajn waħdanija; il-fedeltà tad-doni ta' Alla fi Kristu issir ankra għal min jitlaqqam fil-ħajja l-ġdida. B'hekk biss id-dixxiplu għandu garanzija ta' frott, u frott bil-kotra.

**"Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn."**

5 "*Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.*" L-għaqda mal-Mulej tipproduċi l-frott. Dak li jgħid Ġesù huwa eku ta' dak li huwa stess jgħid fuq l-għaqda tiegħu mal-Missier f'5:19, 30: "*jien ma nista' nagħmel xejn minn rajja...għax jien ma nfittixx ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni.*" Id-dixxiplu mingħajr l-għaqda ma' Ġesù ma jagħmel xejn. Miegħu jagħmel ħafna frott, speċjalment il-frott tal-imħabba (13:34-35), is-sinjal li bih jiġu magħrufa bħala dixxipli tiegħu. Magħqudin b'mod vitali mad-dielja vera d-dixxipli jagħrfu li dak kollu li jagħmlu issa għandu anke valur veru, dejjiemi.

6 "*Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; mbagħad, frieghi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom*





*fin-nar u jinħarqu.*” In-nuqqas ta’ għaqda mal-Mulej twassal għan-nixfa u għall-mewt; iċ-ċaħda tal-Mulej bħala għajn ta’ ħajja tipproduċi l-mewt; il-bidwi jiġbor u jaħraq dawn il-friegħi: “*U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli: ‘O bniedem, x’inhu l-ħatab tad-dielja, aħjar mill-bqija tal-ħatab, iż-żarġun li hemm fost is-siġar tal-foresta? Forsi jieħdu l-injam minnu, biex jagħmlu minnu xi biċċa xogħol? Forsi jieħdu minnu xi kavilja għad-dendil? Ara, jitfgħuh fin-nar għall-ħruq, u trufu t-tnejn jikolhom in-nar, u n-nofs ukoll jinħaraq. U meta n-nofs ikun maħruq ukoll, jista’ jiswa għal xi xogħol? Ara, meta kien għadu sħiħ, ma kien jiswa għal ebda xogħol. Kemm inqas issa, li kielu n-nar u qerdu*” (Eżek 15:1–5; ara Mt 3:10; 13:30).

7 “*Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa’ fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom.*” Dan il-vers jisħaq fuq in-neċessità li wieħed jibqa’ fil-kelma ta’ Ġesù, magħqud miegħu li huwa ‘r-rivelazzjoni inkarnata tal-imħabba ta’ Alla, tal-Missier’. Magħqud mal-kelma tiegħu, mar-rieda tiegħu, mal-imħabba tiegħu id-dixxiplu jagħmel ħafna frott: kulma jitlob imlaqqam fil-kelma jiġi mogħti lilu mill-Missier; kulma jitlob huwa mlaqqam fix-xewqa li tikber u tixtered is-saltna ta’ Alla (14:12–14). Magħqud ma’ Kristu fl-imħabba u l-ubbidjenza, id-dixxiplu ma jibżax għax jaf li kull talba msejsa fir-rieda ta’ Alla hija żgur mismugħa.

8 “*Din hi l-glorja ta’ Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi.*” Id-dixxipli magħquda mal-Iben u li jagħmlu l-frott huma l-glorja tal-Missier. Il-Missier jiġi gglorifkat bħalma huwa gglorifikat fl-Iben (12:23, 28, 31–32; 13:31–32; 17:1). Id-dixxiplu, magħqud ma’ Ġesù, jitlaqqam fil-glorja li l-Iben kontinwament jagħti lill-Missier.

9-10 “*Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi.*” Li tibqa’ fil-Mulej ifisser tibqa’ f’imħabbtu, bħalmu hu stess baqa’. Matul ħajtu, fl-imħabba tal-Missier. Ġesù

jistieden lil tiegħu jibqgħu fir-realtà tremenda tal-imħabba li kellu għalihom, jistedinhom jifirħu f'imħabbtu, igħixu fid-dawl ta' din l-imħabba "*sal-aħħar*". U l-mod ta' kif wieħed jibqa' fl-imħabba tiegħu hija mfissra: "*Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu f'imħabbti, kif jien ħarist il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu.*" F'dan il-Vanġelu l-ħarsien ta' Ġesù tal-kelma tal-Missier hija spiss imsemmija (e.g., 4:34; 6:38; 8:29, 55); hija ħarsien/ubbidjenza li twassal sal-għotja sħiħa tal-Iben (10:17–18; 12:27–28; 14:31). Id-dixxipli mela huma mistiedna jikkultivaw relazzjoni ma' Ġesù fuq il-mudell tar-relazzjoni tal-Iben mal-Missier.

11 " *Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.*" Il-ferħ sħiħ huwa l-frott ta' min jibqa' f'Ġesù, ta' min iħares il-kmandamenti, ta' min jibqa' fl-imħabba tiegħu, bħall-fergħa magħquda b'mod ħaj mad-dielja. Huwa l-ferħ li baqa' ħaj f'Ġesù anke fis-siegħa drammatika tas-sagrifiċċju (12:24–26). Huwa l-ferħ ta' min jirċievi l-ħajja bil-kotra mill-"*għajn tal-ħajja*"; huwa l-ferħ li min-natura tiegħu jixtered fuq l-oħrajn. Huwa l-ferħ ta' żminijiet il-fidwa, ferħ li jwelled is-sliem, dak is-sliem mogħti mill-Mulej.

## Id-dielja qaddisa ta' David

Imdawlin minn dan il-Vanġelu l-insara tal-bidu qiesu lil Ġesù bħala d-dielja qaddisa ta' David. Hekk fil-fatt tgħid it-talba misjuba fit-Taglim tat-Tnax-il Appostlu:

"*Missierna, inroddulek ħajr għad-dielja qaddisa ta' David, qaddej tiegħek, li inti wrejtna permezz ta' Ġesù, qaddej tiegħek*" (*Didachè*). Sant'Injazju ta' Antjokja hekk jikteb: "*Tbiegħed mill-friegħi ħżiena li għandhom frott ta' din id-dinja. Mhumiex xtieli ndukrati mill-Missier. Li kieku kienu, kienu jidhru bħala friegħi tas-salib, u l-frott tagħhom kien ikun dejjiemi*"




# IT-TALB TA' ĠESÙ, FIL-ĠNIEN TAŻ-ŻEBBUĠ U FUQ IS-SALIB FL-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA

***Rev Dr Martin Micallef OFMCap***

It-talb, karatteristika ewlenija fit-teoloġija ta' Luqa-Atti, ikompli jispikka fir-rakkonti tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Fil-fatt, l-Evanġelista San Luqa jippreżentalna lil Ġesù jitlob fil-bidu nett tal-ġrajja tal-passjoni u fl-aħħar nett. Hekk se naraw f'dan l-artiklu li fih sejrin nikkonċentraw fuq it-talba ta' Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ u t-talb ta' Ġesù fuq is-salib. Dawn



iż-żewġ waqtiet ta' talb, huma waqtiet ta' fiduċja kbira li fihom l-Iben ta' Alla jkompli juri r-rabta tiegħu mal-Missier tas-Sema kif jagħmel matul in-narrativa kollha tal-Evanġelju.

## It-talba ta' Ġesù fil-ġnien taż-żebbuġ

Immedjatament wara r-rakkont tal-Aħħar Ċena, l-Evanġelista San Luqa bħall-Evanġelisti l-oħra kollha, għalkemm b'differenza, jirrakkonta l-episodju ta' Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ (Lq 22,39-46).[1] F'dan l-episodju, ambjentat fil-lejl li fih Ġesù ġie ttradut, San Luqa joħloq kuntrast bejn it-talb ta' Ġesù u l-atteġġjament tad-dixxipli, li minkejja li Ġesù wissihom sabiex jitolbu - 'Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib' (v.40), fil-fatt huma raqdu!

Qabel ma jagħtina l-kontenut tat-talb ta' Ġesù f'dan il-Ġnien, San Luqa jippreżentalna l-pożizzjoni fiżika ta' Ġesù waqt it-talb tiegħu. Hekk naqraw: "Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla, u *nxteħet għarkupptejh jitlob*" (v.41). Imbagħad, dan l-Evanġelista jagħtina t-talba ta' Ġesù. Din hija talba indirizzata lill-Missier: "Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi" (v.42). Għalkemm din hija talba qasira fil-kontenut tagħha, l-użu tal-verb 'jitlob' fl-imperfett – "u nxteħet għarkupptejh *jitlob*" (v.41), juri azzjoni twila ta' talb.

## Ir-referenza għall-kalċi

Ġesù kien jaf bit-tbatijiet li kienu qed jistennewh. Dan jidher mill-użu tal-kelma 'kalċi' f'din it-talba.[2] San Luqa hawnhekk huwa ħafna qrib dak li jgħidilna l-Evanġelista San Ġwann. Fl-episodju tal-arrest ta' Ġesù kif inhu rrakkuntat fl-Evanġelju skont San Ġwann, Ġesù wkoll jitkellem mill-'kalċi' li kien lest li jixrob. Hekk naqraw: "Ġesù qal lil Pietru: 'Erġa' daħħal is-sejf fl-għant tiegħu. Forsi l-*kalċi*

li tani Missieri ma nixorbux?'" (Ġw 18,11).

Ir-rieda ta' Alla għall-Iben tiegħu, mela, kienet li jixrob dan il-kalċi, jiġifieri, li jagħmel ir-rieda ta' min bagħtu, li wasslitu sa fuq is-salib. L-Iben wettaq ir-rieda tal-Missier sal-aħħar.[3] Fit-Testment il-Qadim, li tagħmel ir-rieda ta' Alla kienet meqjusa bħala azzjoni ekwivalenti għall-ħajja li togħġob lil Alla u li allura tiswa aktar minn kull sagrifiċċju li jista' jingħata lil Alla. Hekk naqraw, per eżempju, fis-Salm 40,7-8, kliem li l-Awtur tal-Ittra lil-Lhud iqiegħdu fuq fomm Ġesù: "Kristu meta daħal fid-dinja qal: 'Sagrifiċċju u offerti int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija; vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx. Jien imbagħad għedt: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla, kif fil-ktieb hemm miktub fuqi'" (Lhud 10,5-7).

Li tagħmel ir-rieda ta' Alla huwa meħtieġ għal dawk kollha li jixtiequ jimxu wara Ġesù. Hekk jgħid Ġesù: "Għaliex issejħuli, 'Mulej', imbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?" (Lq 6,46). Ġesù, saħansitra, isejjaħ bħala 'ommi' u 'ħuti' lil dawk kollha li jwettqu r-rieda tiegħu (Lq 8,19-21). Fit-talba tal-'Missierna', imbagħad, kif insibuha fl-edizzjoni ta' San Mattew, insibu wkoll it-talba: "ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art" (Mt 6,10).

Dan kollu jurina l-importanza li r-rieda ta' Alla tieħu fit-tagħlim u fil-ħajja ta' Ġesù ta' Nazaret. Nistgħu għalhekk nifhmu l-għala l-Evanġelista San Luqa jsejjaħ l-episodju tal-Ġnien taż-Żebbuġ bħala l-waqt tal-'agunija' ta' Ġesù (Lq 22,44). Il-kelma 'agunija' – bil-Grieg: *agonia* – tradizzjonalment tfisser l-aħħar ġlieda bejn ħajja u mewt. Oriġinarjament, iżda, din il-kelma kienet tfisser 'ġlieda' - bil-Grieg: *agon* - post ta' ġlied.[4]

Minħabba f'hekk, nistgħu nqisu l-episodju tal-agunija ta' Ġesù bħala wieħed mill-aktar episodju li jikxef x'kien għaddej mill-qalb ta' Ġesù huwa u jitlob lill-Missier fil-lejl li fih ġie ttradut. Dak li Ġesù ħass f'dak il-waqt ta' talb hu rifless f'dak li naqraw fl-Ittra lil-Lhud, f'silta li toqgħod ħafna għal dak li l-Evanġelista San Luqa jirrakkonta f'dan l-episodju tal-Ġnien taż-Żebbuġ: "Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U, billi laħaq il-perfezzjoni sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu" (Lhud 5,7-9).

## L-għaraq bħal tad-demm

Wara t-talba ta' Ġesù lill-Missier tas-Sema biex jekk jista' jkun jitwarrab minnu l-kalċi li kellu jixrob, San Luqa jkompli jikteb hekk: "Deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb, imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu u beda jitlob b'ħerqa akbar. L-għaraq sarlu bħal qtar tad-

demm iċarċar sal-art" (Lq 22, 43-44).

Mhux l-istudjużi kollha ta' dan l-Evanġelju jaqblu fuq l-awtentiċità ta' dawn il-versi li ma nsibuhomx f'xi wħud mill-manuskritti l-aktar antiki tal-Evanġelju skont San Luqa. Huwa għalhekk li xi studjużi jżommu li dawn il-versi huma biss żjieda li saret aktar tard fuq it-test oriġinali ta' San Luqa.[5] Dak li jidher aktar ċert hu li l-Evanġelista San Luqa jidher li kien jaf bit-tradizzjoni "ta' demm il-profeti kollha li nxtered sa mill-ħolqien tad-dinja" (Lq 11,50), mid-"demm ta' Abel sa Żakkarija, li qerduh bejn l-altar u s-santwarju" (v.51) li tiegħu "dan in-nisel ikollu jagħti kont" (v.51).

Bħal qtar "bħal tad-demm"[6] li jsemmi, San Luqa juri kemm kienet intensa l-agunija ta' Ġesù f'dak il-waqt, u allura l-importanza ta' din il-ġrajja fil-ħajja ta' Ġesù. Hawn min jilmaħ hawnhekk kuntrast bejn l-għaraq li jissemma wara l-waqgħa' ta' Adam u l-għaraq ta' Adam il-ġdid. L-għaraq ta' Adam kellu jkun sinjal tal-effett tal-kastig tad-dnub: "bl-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok" (Ġen 3,19), filwaqt li l-għaraq ta' Ġesù, Adam il-ġdid, jirrappreżenta l-ġlieda jew aħjar l-agunija tiegħu sabiex jirreżisti lix-xitan u b'hekk jikseb għalina r-rebħa fuq dak li konna tlifna minħabba d-dnub ta' Adam.[7]

Hu x'inhu l-oriġini ta' dawn il-versi, id-dehra tal-anġlu biex ifarraġ lil Ġesù fil-Ġnien waqt li dan kien qed jitlob bil-ħerqa lill-Missier tas-Sema, turina li Alla jisma' t-talb tal-bniedem fil-bżonn, filwaqt li tfakkarna wkoll f'xeni oħra bibliċi, speċjalment mit-Testment il-





Qadim. Biex insemmu eżempju, għandna l-anġlu li deher lit-tliet żgħażagħ biex jeħlishom minnar jaqbad tal-forn iħeġġeġ li fih kienu ġew mixħutin.[8]

## It-talba ta' maħfra lill-għedewwa

It-talb ta' Ġesù waqt l-agunija tiegħu fil-Ġnien taż-Żebbuġ jeħodna għall-aħħar talbiet tiegħu, din id-darba minn fuq is-salib waqt li kien qed imut.

L-ewwel talba ta' Ġesù msallab hija t-talba għall-għedewwa. Hekk naqraw f'Lq 23,34: "U Ġesù qal: 'Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu.'"

Fit-test Grieg il-verb 'qal' huwa ppreżentat fl-imperfett. Dan juri li din ma kinetx xi azzjoni ta' darba imma pjuttost azzjoni kontinwa fil-passat. B'dan il-mod, mela, donnu li l-Evanġelista San Luqa ried



jagħtina l-impressjoni li din it-talba ta' Ġesù għall-maħfra tal-għedewwa ma kinetx sempliċement talba li saret darba u daqshekk. Minflok, jidher li din it-talba ta' Ġesù lill-Missier tas-Sema, kienet talba ripetuta aktar minn darba. Aktar minn hekk, din it-talba ta' Ġesù turina wkoll li Ġesù ma kienx kuntent li hu stess ħafer lil dawk li kienu sallbuh, imma talab ukoll lill-Missier sabiex jaħfer lill-għedewwa tiegħu.

Minn fuq is-salib, Ġesù kien qed jagħmel dak li hu stess kien għallem lid-dixxipli tiegħu biex jagħmlu: "Bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom" (6,28).

Ir-raġuni l-għala Ġesù jitlob lill-Missier sabiex jaħfer lil dawk li wassluh sa fuq is-salib jagħtiha hu stess meta jkompli jgħid: "għaliex ma jafux x'inhuma jagħmlu" (23,34).

Din ir-raġuni nistgħu ngħidu li tagħmel parti mit-teoloġija ta' Luqa-Atti. Aktar kmieni fin-narrativa naqraw, li Ġesù beka quddiem id-dehra tal-belt ta' Ġerusalemm filwaqt li jgħid: "Mhux li għaraft imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik! Imma issa dan hu moħbi minn għajnejk!" (19, 41-42). Fl-Atti tal-Appostli, imbagħad, naqraw kif Pietru jgħid lin-nies ta' Ġerusalemm li huma kienu waslu biex sallbu lil Ġesù minħabba l-injuranza tagħhom: "Issa, ħuti, jiena naf li kemm intom u kemm il-kapijiet tagħkom, għamiltu dan għaliex ma kontux tafu" (Atti 3,17. Ara wkoll 13,27).

Minkejja s-sbuħija tat-talba ta' maħfra li Ġesù jtennni minn fuq is-salib, f'xi manuskritti antiki din it-talba ta' Ġesù hija nieqsa. Dan wassal biex bosta studjużi ta' dan l-Evanġelju qiesu din it-talba ta' Ġesù fuq is-salib bħala waħda li faċilment setgħet żdiedet aktar tard.[9] It-talba ta' Ġesù li miet jaħfer lill-għedewwa tiegħu, setgħet żdiedet fuq il-mudell tat-talba tad-Djaknu Stiefnu li naqraw fuqu fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli. Waqt li Stiefnu kien qed jiġi mħaġġar, huwa talab hekk: "Mulej, tgħoddilhomx dan id-dnub" (Atti 7,60).

Il-kliem tat-talba ta' Stiefnu, iżda, mhumiex eżatt bħal dak ta' Ġesù mislub. Minbarra hekk, tajjeb ninnutaw li t-talba ta' Ġesù għall-għedewwa, li nsibuha fil-bidu nett tar-rakkont tal-kruċifissjoni, tibbilanċja tajjeb it-talba l-oħra ta' Ġesù, meta qabel imut, huwa jitlob hekk: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi" (Lq 23,46). L-ewwel talba, mela, turi l-attitudni ta' Ġesù lejn l-għedewwa tiegħu, filwaqt li t-tieni talba tiegħu turi l-attitudni tiegħu lejn Alla.

Dwar din l-aħħar talba ta' Ġesù qabel ma miet

- ‘Missier, f’idejk jien nerħi ruħi” (23,46), San Luqa jvarja mill-Evanġelisti Sinottiċi l-oħra. Għalkemm it-tlieta li huma jagħtuna l-aħħar kliem ta’ Ġesù fuq is-salib bħala kwotazzjoni minn xi Salm, fil-każ ta’ San Luqa, il-kliem ta’ Ġesù meħud minn Salm 31,6 jagħti impressjoni differenti mill-għajta ta’ abbandun li nsibu f’Mk 15,34 u f’Mt 27,46. San Luqa jippreżentalna l-aħħar talba ta’ Ġesù fuq din l-art bħala talba ta’ fiduċja indirizzata lill-Missier, li fiha l-Iben jafda lilu nnifsu f’idejn dak li matul ħajtu sejjaħlu bħala ‘Missier.’

Minħabba li San Luqa kontinwament jurina lil Ġesù bħala l-Iben il-maħbub ta’ Alla, it-talb tiegħu lejn il-Missier, għalhekk hu wkoll talb akkumpanjat mill-ubbidjenza tiegħu lejn il-Missier tas-Sema. Fil-fatt, nistgħu ngħidu li f’dan it-talb ta’ Ġesù fl-aħħar sigħat ta’ ħajtu fuq din l-art, juri kemm hu kien tassew dipendenti fuq il-Missier. Mhux biss, imma l-waqtiet kollha tat-talb ta’ Ġesù bħal donnhom jesprimu n-nostalġija tal-Iben għall-Missier.[10]

## Referenzi

1. San Luqa qatt ma jirreferi għal dan il-post bħala l-‘Ġetsemani’ (ara Mt 26,36; Mk 14,32). Minflok, San Luqa jsejjaħ dan il-post bħala ‘il-Ġnien taż-Żebbuġ.’

2. Fl-Iskrittura, l-użu tal-kelma ‘kalċi’ ħafna drabi tesprimi l-idea tal-korla u tal-kastigi ta’ Alla. Ara, per eżempju, Salm 11,6; 75,8; Is 51,17; Ġer 25,15; Eżek 21,31-33; Ħab 2,16.

3. L-aħħar kelma ta’ Ġesù fl-Evanġelju skont San Ġwann hija *tetelestai* (Ġw 19,30) – ‘kollox mitmum’ - li ħafna mill-istudjużi ta’ dan l-Evanġelju jinterpretawha bħala kelma li biha l-Evanġelista jesprimi kif Ġesù kien wettaq ir-rieda tal-Missier sal-aħħar. Fuq dan il-punt, ara, D. Senior, *The Passion of Jesus in the Gospel of John,* Collegeville/MN 1991, 114-117.

4. Ara I. De La Potterie, *The Praying Jesus,* Sagana 1994, 92, n.2.

5. Ara d-diskussjoni f’ D. M. Stanley, *Jesus in Gethsemane: The Early Church Reflects on the Suffering of Jesus,* New York 1979, 205-208. Ara wkoll, B. Ehrman – M. Plunkett, “The Angel and the Agony: The Textual Problem of Luke 23: 43-44,” in *Catholic Biblical Quarterly* (1983) 401-416.

6. L-Evanġelista San Luqa iħobb juża l-kelma ‘bħal’ biex jiddeskrivi xi ħaġa jew xi okkażjoni partikulari. Hekk, ngħidu aħna, naqraw fl-espisodju ta’ meta Ġesù ra x-xitan jaqa’ “*bħal* berqa mis-sema” (Lq 10,18). Ġesù jindirizza lill-Fariżej u jgħidilhom “*qiskom* l-oqbra” (11,44). Fl-Atti tal-Appostli, wkoll, naqraw kif Pietru ra “xi ħaġa *qisha* liżar kbir” (Atti 10,11).

7. Fuq dan il-punt ara, J. Neyrey, *The Passion According to Luke: A Redaction Study of Luke’s Soteriology,* New York/Mahwah 1985, 65.

8. Ara Dan 3, 24-97.

9. Ara B. M. Metzger, *A Textual Commentary on the Greek New Testament,* London – New York 1971, 180.

10. Fuq dan il-punt, ara, B. Maggioni, *La Preghiera di Gesù,* in *Enciclopedia della Preghiera,* eds., C. Rossini – P. Sciadini, Vatican 2007, 105-112.



# MONASTERI FID-DEŻERT TAL-LHUDIJA IL-MONASTERI TAL-KWARANTENA U SAN GERASIMOS

*Noel Muscat ofm*

## Il-Monasteru tal-Kwarantena

Il-monasteru tal-Kwarantena, jew kif inhu magħruf bl-Għarbi, *Deir el-Quruntal*, hu monasteru Grieg Ortodoss li jixxabbat fuq irdum li jixref fuq il-belt u l-oasi ta' Ġeriko, fuq muntanja msejħa l-Muntanja tat-Tentazzjoni (350 metri fuq il-livell tal-baħar). Dan il-

monasteru jfakkar l-episodju evanġeliku tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù matul l-erbgħin jum li għadda jsum fid-Deżert tal-Lhudija (Mt 4,1-11; Mk 1,12-13; Lq 4,1-13).

Din il-*Laura*, jew monasteru tad-deżert, inbniet għall-ewwel darba fl-epoka Biżantina, fis-seklu 6, fuq l-għar fejn, skont it-tradizzjoni Ġesù qatta' l-perjodi tal-erbgħin jum sawm fid-deżert wara l-magħmudija tiegħu fix-xmara Ġordan, u fejn ġie mġarrab mix-Xitan. Dan l-għar għadu sal-lum l-aktar post qaddis f'dan il-kumpless ta' għerien imħaffrin fil-blat tal-muntanja, li magħhom il-monaċi jew rħieb tad-deżert bnew ċelel li jixirfu qishom gallarija naturali fuq id-dagħbien li hemm taħt l-irdum.

Il-monasteru tal-Kwarantena jagħtik dehra panoramika fuq Ġeriko l-antika, magħrufa bħala Tel es-Sultan. Dan kien is-sit tal-Ġeriko biblika li kienet intrebħet mill-poplu Lhudi mmexxi minn Ġożwè, malli qasmu x-Xmara Ġordan mill-wita ta' Mowab. L-iskavi arkeoloġiċi li saru f'din l-għolja artifiċjali (Tel) ikkonfermaw l-eżistenza ta' din il-belt li x'aktarx hi l-eqdem insedjament uman fid-dinja, għax il-fdalijiet imorru lura għal 8000 sena QK. Charles Warren kien beda l-iskavi hawnhekk fl-1868, imma sfortunatament ma kienx sab it-torri Neolitiku. Skavi oħrajn saru partikolarment mill-arkeologa Kathleen Kenyon fl-1952-1958. Din sabet it-torri Neolitiku li jmur lura għal 7000 sena QK. L-aktar skavi reċenti saru minn grupp ta' arkeoloġi Taljani u Palestinjani fl-1997. Jekk il-kalkoli ta' dawn l-arkeoloġi huma korretti, Ġożwè okkupa Ġeriko madwar is-sena 1200 QK, meta l-belt kienet diġà ilha wieqfa għal 5800 sena! Il-Bibbja hi l-uniku dokument li jitkellem dwar Ġeriko sa żmien l-okkupazzjoni Rumana tal-Palestina. L-episodju tal-konkwista ta' Ġeriko minn Ġożwè jinsab fil-Ktieb ta' Ġożwè 6,1-27 u jiddeskrivi kif il-ħitan tal-belt iġġarrfu wara li l-poplu



ta' Israel kien dar madwar il-belt għal sebat ijiem idoqq it-trombi jżarżru (*shofar*) filwaqt li l-qassisin kienu jġorru l-Arka tal-Patt. "U għajjat il-poplu, u daqqew it-trombi, u malli l-poplu sama' d-daqq tat-trombi għajtu għajta kbira, u l-ħitan iġġarrfu u l-poplu tala' għall-belt, kulħadd minn fejn kien, u qabdu l-belt f'idejhom" (Ġoż 6,20).

Qrib Tel es-Sultan, f'oasi li hemm taħt l-Għolja tat-Tentazzjoni, hemm in-Nixxiegħa tal-Profeta Eliżew (Għajn es-Sultan), li tissemma fir-rakkont bibliku ta' 2Slat 2,19-22: "In-nies tal-belt qalu lil Eliżew: 'Ara, il-post tal-belt hu tajjeb, kif jista' jara sidi, imma l-ilma ħażin, u l-art ħawlija.' U hu qalilhom: 'Ġibuli bieqja ġdida, u ixħtu ftit melħ fiha.' U ġibuhielu. U ħareġ lejn l-għajn tal-ilma, u xeħet fiha l-melħ, u qal: 'Dan jgħid il-Mulej: Jiena ntejjeb dan l-ilma. Minn issa 'l quddiem ma jkunx hemm la mewt u la ħwiel tal-art.' U l-ilma baqa' tajjeb sal-lum, skont il-kelma li qal Eliżew."

Il-preżenza ta' eremiti jew rħieb fl-għerien fl-irdumijiet fuq Ġeriko kienet magħrufa sa mill-antikità. Santa Elena ssemmi din il-preżenza fil-vjaġġ li għamlet fl-Art Imqaddsa fis-sena 326. Ma' dawn l-irdumijiet kien hemm mat-30 jew 40 għar naturali li fihom kienu jgħixu kwantità ta' rħieb.

Fis-seklu 7 l-pellegrin Antonju ta' Piacenza kiteb li kien hemm ħafna eremiti u anke nisa verġni li kienu jgħixu fl-għerien tal-muntanji fuq ix-Xmara Ġordan. It-tradizzjoni tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù tmur lura fl-antikità, u l-pellegrin Seawulf isemmiha wkoll fl-1102. Fi żminijiet il-qedem l-Għar, li jimmarka l-post tradizzjonali tat-tentazzjonijiet ta' Ġesù, ġie trasformat f'kappella. Ġie abbandunat fis-seklu 13 wara li fi żmien il-Kruċjati kien proprjetà tal-Kanoniċi tal-Qabar ta' Kristu u kienu jgħixu fih reliġjużi. Fl-1874 il-monaċi Griegi Ortodossi ġew joqogħdu f'dan il-post. Fl-1895 huma bnew mill-ġdid il-monasteru u l-kappella fuq l-għar venerat li fih Ġesù ġie mġarrab mix-Xitan. Fuq il-quċċata tal-muntanja hemm il-fdalijiet tal-fortizza Asmonea ta' Dok, li tissemma f'1Makkabej 16,14-16 u fejn Xmun, il-qassis il-kbir, ġie maqtul.

Iż-żjara fil-monasteru tal-Kwarantena tibda mid-daħla, li minnha titla' b'ħafna turġien lejn il-kuridur maqtugħ fil-blat li jifred l-għerien tal-irdum mill-bini l-ieħor tal-monasteru li jifrex fuq il-panorama tal-oasi ta' Ġeriko. Fi tmiem il-kuridur tasal fil-knisja prinċipali tal-monasteru, knisja tipikament Griega Ortodossa bl-ikonostasi u b'taraġ fuq il-lemin li jtellgħek fl-għar venerat li





fih titfakkar it-tentazzjoni ta' Ġesù. Taħt l-altar ċkejken hemm il-blata li l-pellegrini jqimu bħala l-post tat-tifkira tat-tentazzjoni ta' Ġesù, imħaffra f'niċċa naturali fil-blat. F'dan il-monasteru hemm it-tradizzjoni li l-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jiġu f'pellegrinaġġ darba fis-sena, f'jum il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej (Ħadd fuq is-6 ta' Jannar), meta wara li jkunu ikkommemoraw il-Magħmudija ta' Ġesù maġenb ix-xmara Ġordan fil-post ta' Qasr al-Yahud (Kastell tal-Lhud), faċċata tal-parti Ġordana li tfakkar il-veru post tal-Magħmudija, huma jerħulha lejn il-monasteru tal-Kwarantena biex ifakkru l-ġrajja tat-tentazzjoni tal-Mulej fid-deżert.

Illum il-pellegrini jistgħu jżuru l-monasteru jew billi jitilgħu bil-mixi fil-mogħdija wieqfa u mimlija ġebel u turġien li minn ħdejn in-nixxiegħa ta' Eliżew twasslek fil-monasteru, inkella billi jieħdu l-funikular li saret fis-sena 1998 u li minn ħdejn Tel es-Sultan twasslek ftit 'l isfel mid-daħla tal-monasteru.

## Il-Monasteru ta' San Gerasimos

Il-Monasteru ta' San Gerasimos hu monasteru Grieg Ortodoss li jinsab madwar 5.5 km lejn it-tramuntana tal-Baħar il-Mejjet, maġenb it-triq 90 li ddur mat-territorju awtonomu Palestinjan ta' Ġeriko u tibqa' tiela' lejn Beit Shean fil-Galilija matul il-wied kollu tax-xmara Ġordan. Il-monasteru, li ġie mwaqqaf lejn is-seklu 5 mill-Abbati Gerasimos tal-Ġordanja, hu wieħed mill-eqdem *laure* tad-deżert tal-Lhudija.

L-isem tal-monasteru bl-Għarbi hu *Dejr Hajla* (ppronunzjata *Ħaġla*). L-isem jidher li ġej mill-isem tal-belt biblika ta' Bet Ħogla, li kienet timmarka l-fruntiera bejn it-tribujiet ta' Ġuda u ta' Benjamin, u li tissemma fil-Ktieb ta' Ġożwè 15,5-6: "Fuq il-lvant imbagħad kien hemm

il-Baħar il-Mielaħ sa fomm il-Ġordan. Il-limiti tat-tramuntana jibdew minn ilsien il-baħar f'fomm il-Ġordan, u jitilgħu sa Bet-Ħogla, jgħaddu min-naħa tat-tramuntana ta' Bet-Għaraba, u jibqgħu telgħin sal-ħaġra ta' Boħan bin Ruben." Il-fdalijiet ta' din il-belt ġew skavati u jinsabu mal-ġenb tat-triq li tgħaddi maġenb il-monasteru.

Il-*Laura* ta' San Gerasimos ġiet imwaqqfa fis-sena 455 minn Gerasimos, li kien raħeb li ġie mil-Liċja fl-Anatolja (Turkija). Hu sar il-kap, jew Abbati, ta' grupp ta' 70 monaku li bdew jgħixu fl-għerien ħdejn Ein Nukeil fil-wied fuq il-lvant ta' Ġeriko, fejn għad hemm il-fdalijiet tal-monasteru primittiv. Gerasimos hu meqjus bħala wieħed mill-grupp ta' rħieb li kienu dixxipli tal-eremiti fundaturi tal-eqdem *Laure*, jiġifieri Eythymius u Karitone. In-nukleu tal-Monasteru ta' Dejr Hajla kien il-*Laura*, ġabra ta' għerien u ċelel tar-rħieb bi knisja ċentrali, fejn kienu jiltaqgħu għat-talb nhar ta' Ħadd. Dan in-nukleu, kif għidna, jinsab xi kilometru lejn il-lvant tal-monasteru ta' San Gerasimos, qrib Ein Nukei, f'wieħed mill-widien xotti li jinżlu minn Ġeriko lejn ix-xmara Ġordan.

Gerasimos kien ħa sehem fil-Konċilju ta' Kalċedonja tas-sena 451. Dan kien il-Konċilju li ra l-ewwel firda kbira fil-Knisja, dik bejn il-Knejjes li aċċettaw id-duttrina taż-żewġ naturi (divina u umana) ta' Kristu (il-Knisja Biżantina u l-Knisja Latina) u l-Knejjes hekk imsejħin "Monofisiti" tal-lvant li ma ridux jaċċettaw din id-duttrina, u li kienu jemmnu li fi Kristu kien hemm natura waħda mħallta divina-umana (il-Knisja Sirjaka, Assira, Kopta, Abbissina, Armena u oħrajn). Gerasimos jingħad li miet fis-sena 475. Billi l-*Laura* primittiva ġiet meqruda mill-Persjani fis-sena 614, ma nafux fejn jinsab il-qabar tiegħu. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fil-Knisja Ortodossa fl-4 ta' Marzu.

Leġġenda tgħid li, darba minnhom, Gerasimos iltaqa'






ma' ljun fil-wied tal-Ġordan. L-iljun kien jgħajjat bl-uġigħ għax kien daħħal xewka kbira f'riġlu. Gerasimos resaq lejh u neħħielu x-xewka, u minn dak il-jum l-iljun immansa u kien ħabib tal-irħieb tal-monasteru. B'hekk fl-ikonografija San Gerasimos hu dejjem irrappreżentat bi ljun maġenbu.

Il-*Laura* oriġinali nqerdet, kif għidna, mill-Persjani fis-sena 614, u l-irħieb sfaw kollha maqtula. Għad hemm il-fdalijiet tagħhom meqjuma fil-kripta. Il-monasteru ġie abbandunat sakemm il-Kruċjati reġgħu bnewh fis-seklu 13. Għad hemm xi fdalijiet tal-bini kruċjat, imma minħabba li ż-żona tal-Wied tal-Ġordan tinsab f'reġjun ta' terremoti qawwija, il-monasteru kellu jerġa' jinbena diversi drabi, l-aktar wara t-terremot devastanti tal-1837.

Is-sit antik tal-monasteru, fejn hemm il-fdalijiet tal-*Laura* primittiva, ġie eżaminat fl-1866-1877 minn Wilson, Conder u Kitchener. Jingħad fir-rapport li l-monasteru jinsab fuq it-Triq tal-Pellegrinaġġ (għall-Mekka) fuq in-nofsinhar ta' Ain Hajla u ta' Wadi Kelt, u lejn ix-xaqliba tal-punent tax-xmara Ġordan. Is-sit hu deskritt bħala "rovina importanti ta' monasteru medjevali. Ir-rovini kienu jinkludu kappella kbira, kappella iżgħar lejn in-nofsinhar, u kappella oħra fil-kripta taħt il-monasteru. Il-binja hi mdawra b'ħajt. Il-monasteru xi mindaqqiet hu magħruf bħala ta' Mar Yohanna Hajlah (San Ġwann ta' Hajla). Fis-seklu 16 (f'epoka tat-Torok Ottomani) l-monasteru kienu jgħixu fih rħieb tal-Ordni ta' San Bażilju, imma l-Latini kienu jsejħulu bl-isem ta' San Ġilormu diġà fis-seklu 15. Fis-seklu 14 Marino Sanuto sejjaħ dan il-post Bet Agla. L-istorja aktar antika tiegħu mhijiex magħrufa. X'aktarx li hu l-monasteru ta' Kalamon, li kien jeżisti f'dawn l-inħawi fis-seklu 12."

Illum il-ġurnata l-Monasteru ta' San Gerasimos hu rrestawrat u miftuħ għall-pubbliku. Wieħed jammira l-binja tipikament kruċjata, bil-kjostru mdawwar biċ-ċelel tal-monaċi u l-knisja prinċipali tal-monasteru, bl-ikona ta' San Gerasimos, u l-kripta li fiha hemm esposti r-relikwi tal-monaċi li mietu martri fil-persekuzzjoni tal-Persjani.